



Azzjoni tal-UE kontra d-diskriminazzjoni Rapport tal-Attività 2007-2008



Din il-pubblikazzjoni hija appoġġjata mill-Programm Komunitarju Ewropew għall-Impjiegi u s-Solidarjetà Soċjali (2007-2013). Dan il-programm jitmexxa mid-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, affarijiet soċjali u opportunitajiet indaqs tal-Kummissjoni Ewropea. Ġie stabbilit li l-implimentazzjoni tal-għanijiet tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-impjiegi u l-affarijiet soċjali tkun appoġġjata finanzjarjament, kif stipulat fl-Aġenda Soċjali, u b'dan għalhekk ikun qed jingħata kontribut għall-kisba tal-għanijiet tal-Istrateġija ta' Liżbona f'dawn l-oqsma.

Il-Programm ta' seba' snin huma mmirat lejn il-partijiet interessati kollha li jistgħu jgħinu fit-tfassil tal-iżvilupp tal-impjiegi u l-leġiżlazzjoni soċjali u linji politiċi xierqa u effettivi, madwar l-UE-27, l-EFTA-ŻEE u l-pajjiżi kandidati u pre-kandidati tal-UE.

Il-missjoni PROGRESS għandha ssaħħaħ il-kontribut tal-UE bħala appoġġ għall-impjenji u l-isforzi tal-Istati Membri biex jinħolqu aktar impjiegi u impjiegi aħjar u biex tinbena soċjetà aktar koeżiva. Għal dan l-għan, PROGRESS se tkun strumentali:

- f'li ttiprovdi analiżi u pariri ta' politika fl-oqsma politiċi ta' PROGRESS;
- f'li tissorvelja u tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u l-linji politiċi tal-UE fl-oqsma politiċi ta' PROGRESS;
- f'li tippromwovi t-trasferiment ta' linji politiċi, it-tagħlim u l-appoġġ fost l-Istati Membri dwar l-għanijiet u l-prijoritajiet tal-UE; kif ukoll
- f'li jitwasslu l-fehmiet tal-partijiet interessati u tas-soċjetà b'mod ġenerali.

Għal aktar tagħrif ara:
<http://ec.europa.eu/progress>

Azzjoni tal-UE kontra d-diskriminazzjoni

Rapport tal-attività 2007-08

Il-Kummissjoni Ewropea

Direttorat-Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaq
Taqsima .G4

Manuskritt li tlesta f'April 2009

La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas kwalunkwe persuna oħra li taġixxi f'isem il-Kummissjoni mhuma responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

© ritratti Ritratt tal-Faċċata: "Different" ta' Lucian Enasoni, il-kompetizzjoni tar-ritratti Inkissru l-Isterjotipi tal-kampanja "Għad-diversità kontra d-diskriminazzjoni" - © Komunitajiet Ewropej

Ritratti paġni 11,13, 14, 15, 17, 18, 19, 20, 21, 23, 26, 27, 29, 30: JPH. Woodland - © Komunitajiet Ewropej

Għal kull użu jew riproduzzjoni tar-ritratti li mhumiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Komunitajiet Ewropej, għandu jintalab permess direttament mingħand il-proprjetarju(i) tad-dritt tal-awtur.

Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib
tweġibiet
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea

Numru tat-telefon ġdid bla ħlas(*):

00 800 6 7 8 9 10 11

(*). Ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess
għan-numri 00 800 jew inkella dawn it-telefonati jistgħu jkunu bi ħlas

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

© Il-Komunitajiet Ewropej, 2009

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Informazzjoni dwar il-katalogar kif ukoll astratt jinsabu fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.
Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, 2009

Daħla



Meta nħtart Kummissarju Ewropew fl-2004, "Opportunitajiet Indaq" sar parti mill-mandat ewlieni tad-Direttorat Ġenerali tiegħi. Minn dakinhar 'l hawn, ir-rwol tiegħi kien li niżgura li l-kwistjonijiet li jirrigwardaw l-ugwaljanza jkunu wkoll fuq quddiem fil-politika u fl-azzjoni fl-Unjoni Ewropea. Il-perijodu li jkopri dan ir-rapport wera li kien okkażjoni ideali sabiex nagħtu spinta akbar lill-isforzi għall-ugwaljanza.

L-2007 kienet is-Sena Ewropea tal-Opportunitajiet Indaq għal Kulħadd (EYEO), li kienet timmarka impenn bħal qatt qabel fil-livell Ewropew u f'dak nazzjonali sabiex id-diversità u l-forom kollha ta' diskriminazzjoni jitpoġġew fuq nett tal-aġenda. Laqqgħet flimkien firxa wiesgħa ta' atturi b'għan komuni, u bagħtet messaġġi dwar l-ugwaljanza lil pubbliku usa'.

B'mod kruċjali, fl-2008, żammejna l-momentum permezz ta' Komunikazzjoni li stabbiliet impenn imġedded għall-indirizzar tad-diskriminazzjoni u l-promozzjoni tad-diversità. Ipproponejna wkoll estensjoni mistennija ħafna tal-liġijiet dwar l-ugwaljanza li diġà huma fost l-aktar ambizzjużi fid-dinja.

L-isforzi fuq livell Ewropew jistgħu jkunu effikaċi biss meta jkunu mibnija fuq il-pedament b'saħħtu ta' awtoritajiet pubbliċi, korpi tal-ugwaljanza, is-soċjetà ċivili, trejtdjunjins u min iħaddem, kollha ddedikati fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali. B'ħidma aktar mill-qrib ma' xulxin u biż-żamma tal-ogħla livell ta' impenn nistgħu nkomplu nagħmlu progress lejn Ewropa aktar ġusta.

Nixtieq inżid kelma partikolari dwar ir-Roma. L-ikbar minoranza etnika tal-Ewropa qiegħda tkompli tbatì minn livelli għoljin ta' diskriminazzjoni u nuqqas ta' ugwaljanza. Għaldaqstant ma setax jonqos li l-indirizzar ta' dan in-nuqqas ta' ġustizzja jkun fost il-prijoritajiet tagħna fl-2007 u fl-2008.

Filwaqt li nirrikonoxxi l-isforz enormi ta' dawk kollha li jaħdmu għall-ugwaljanza, inqis li huwa essenzjali li nenfasizza li għadna 'l bogħod ħafna mill-qerda tad-diskriminazzjoni mill-postijiet tax-xogħol u mis-soċjetà tagħna. Dawn l-isfidi mhumiex qegħdin isiru aktar faċli. It-tensjoni tat-tnaqqis fl-attività ekonomika, li iggravat fl-aħħar tal-2008, tagħmilha aktar importanti minn qatt qabel li ninsistu li d-diversità, mhux id-diskriminazzjoni, hija t-triq 'il quddiem.



Vladimír Špidla

Kummissarju Ewropew għall-Impjiegi,
l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaq

Werrej

Daħla	3
Skeda ta' żmien tal-aktar episodji importanti ta' kontra d-diskriminazzjoni 2007-08	7
Introduzzjoni	9
Parti I - Politika u sħubija	11
1.1 Miri importanti tal-politika u tal-programmi tal-UE	12
1.2 Sħubija ma' Stati Membri.....	12
1.2.1 Summits dwar l-Ugwaljanza.....	12
1.2.2 Grupp Espert Governattiv.....	13
1.3 Kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili	13
1.3.1 Il-vuċi tas-soċjetà ċivili fil-politika	13
1.3.2 L-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea lin-netwerks.....	13
1.3.3 Taħriġ.....	14
1.4 Grupp ta' livell għoli dwar l-Integrazzjoni Soċjali ta' Minoranzi Etniċi	14
1.4.1 L-aħjar prattika.....	15
1.5 Fokus fuq ir-Roma.....	15
1.5.1 Rapport dwar l-istrumenti għall-inklużjoni.....	15
1.5.2 L-ewwel summit tal-UE dwar ir-Roma.....	15
1.5.3. Diċembru 2008, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inklużjoni tar-Roma.....	16
Parti II - It-tpoġġija tal-liġi fil-prattika	17
2.1 Proċeduri ta' ksur	18
2.1.1. Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali	18
2.1.2 Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjeggi	19
2.2 Għażla ta' ġurisprudenza mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.....	19
2.2.1 Irtirar obbligatorju (Diskriminazzjoni minħabba l-età, ir-Renju Unit)	19
2.2.2 Politika ta' reklutaġġ (Diskriminazzjoni minħabba r-razza/l-oriġini etnika, il-Belġju)	20
2.2.3 Id-dritt għall-pensjoni (Diskriminazzjoni minħabba l-orjentazzjoni sesswali, il-Ġermanja)	20
2.2.4 Diskriminazzjoni minħabba assoċjazzjoni (Diskriminazzjoni minħabba diżabilità, ir-Renju Unit)	20
2.3 Il-proposta għal Direttiva ġdida kontra d-diskriminazzjoni	21

2.4 Dispożizzjoni legali għal korpi tal-Ugwaljanza	22
2.4.1 <i>Equinet: In-Netwerk Ewropew għall-Korpi tal-Ugwaljanza</i>	22
Parti III – Nikkomunikaw l-ugwaljanza	23
3.1 Is-Sena Ewropea tal-Opportunitajiet Indaqgħal Kulħadd.....	24
3.1.1. <i>Il-ġrajjet ewlenin tas-Sena</i>	24
3.1.2 <i>Il-konklużjonijiet u l-wirt tas-Sena</i>	25
3.2 Tqajjim ta' għarfien	25
3.2.1. <i>Il-kampanja 'Għad-Diversità. Kontra d-Diskriminazzjoni'</i>	25
3.2.2. <i>Proġetti nazzjonali ta' tqajjim ta' għarfien</i>	26
3.2.3 <i>Għażla ta' ġrajjet importanti</i>	26
3.2.4. <i>Il-konferenza ta' Belfast dwar il-komunikazzjoni</i>	26
3.2.5. <i>Opportunitajiet indaqgħal kulħadd: X'għandu jkun ir-rwol ta' azzjoni pożittiva?</i>	27
3.3. Nifhmu d-diskriminazzjoni: l-istħarriġiet tal-Ewrobarometru	27
3.4 Il-każ kummerċjali favur id-diversità.....	28
3.4.1. <i>Il-Kummissjoni Ewropea tistudja l-benefiċċji ewlenin</i>	28
3.4.2. <i>Negozji iżgħar</i>	28
3.4.3. <i>Karti dwar id-Diversità</i>	28
Konklużjoni.....	30
Annessi:	
Anness I- Pubblikazzjonijiet ewlenin 2007-08.....	31
Pubblikazzjonijiet min-netwerk tal-esperti legali fil-qasam tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni	31
Pubblikazzjonijiet mill-Esperti dwar l-Inklużjoni ta' Persuni b'Diżabilità.....	32
Anness II- Il-kompetenzi tal-korpi nazzjonali għall-ugwaljanza	33

Skeda tal-aktar ġrajjiet importanti kontra d-diskriminazzjoni 2007-08

2007

1 ta' Jannar 2007

- Tibda s-Sena Ewropea tal-Opportunitajiet Indaqgħal Kulħadd (EYEO).
- Jitnieda l-programm il-ġdid PROGRESS mifruq fuq seba' snin, binuqqas ta' diskriminazzjoni jkun wieħed mill-ħames oqsma politiċi u ta' azzjoni tiegħu.

23 ta' Jannar 2007

Jiġi ppubblikat l-Istħarriġ tal-Ewrobarometru "Id-Diskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea".

30-31 ta' Jannar 2007

Isir l-ewwel summit tal-UE dwar l-Ugwaljanza f'Berlin.

1 ta' Marzu 2007

- Iċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tar-Razziżmu u l-Ksenofobija (EUMC) isir l-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA).
- Jingħata bidu għall-Kompetizzjoni tar-Ritratti għad-Diversità tal-UE.

16 ta' April 2007

Tiġi ċċelebrata ċ-ċerimonja tal-Premju tal-Ġurnalisti 2006 "Għad-Diversità. Kontra d-Diskriminazzjoni." (FDAD) fi Brussell.

23 ta' April 2007

Konferenza "Opportunitajiet Indaqgħal kulħadd: X'għandu jkun ir-rwol ta' azzjoni pożittiva?", Ruma, l-Italja.

25 ta' April 2007

Jingħata bidu għat-Tur tal-UE bi Trakk għad-Diversità.

10-12 ta' Mejju 2007

Il-konkurs tal-kanzunetta tal-Eurovision, li huwa segwit minn miljuni ta' tele spettaturi madwar l-Ewropa, jingħata appoġġ mill-EYEO.

20 ta' Ġunju 2007

Sessjoni ta' taħriġ għal min iħarreġ, f'Cologne, il-Ġermanja, l-ewwel pass fi programm ta' 18-il xahar ta' sessjonijiet ta' taħriġ kontra d-diskriminazzjoni u favur id-diversità.

27 ta' Ġunju 2007

Il-Kummissjoni Ewropea tibgħat 'opinjoni raġunata' lil 14-il Stat Membru rigward l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Oriġini Razzjali u Etnika.

4 ta' Lulju 2007

Il-Kummissjoni tnedi konsultazzjoni pubblika dwar miżuri ġodda kontra d-diskriminazzjoni.

11-12 ta' Ottubru 2007

Konferenza 'Il-Parlament Ewropew ta' Opportunitajiet Indaqgħal Kulħadd', Brussell.

19-20 ta' Novembru 2007

"Niċċelebraw l-2007!" – Konferenza tal-Għeluq tal-EYEO f'Liżbona, il-Portugall. Jingħata bidu għan-netwerk tal-korpi tal-ugwaljanza EQUINET.

3 ta' Diċembru

- Ir-Rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Integrazzjoni Soċjali ta' Minoranzi Etniċi u l-Parteċipazzjoni Sħiħa tagħhom fis-Suq tax-Xogħol.
- Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità "Xogħol Diċenti għal Persuni b'Diżabilità".

6-7 ta' Diċembru 2007

Konferenza "Opportunitajiet Indaqgħal kulħadd – Kwistjonijiet Multipli ta' Diskriminazzjoni", Elsinore, id-Danimarka.

18 ta' Diċembru 2007

Riċeviment tal-Għeluq għall-EYEO fi Brussell. Iċ-Ċerimonja tal-Premju tal-Ġurnalisti FDAD 2007.

2008

1 ta' Jannar 2008

Is-Sena Ewropea tad-Djalogu Interkulturali tiegħu r-riedni mill-EYEO.

31 ta' Jannar 2008

Il-Kummissjoni tibgħat avviż formali / opinjonijiet raġunati lil 11-il Stat Membru rigward l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi.

13 ta' Marzu 2008

Seminar li jippreżenta r-riżultati tal-istudju "Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-promozzjoni tal-ugwaljanza: Kif inkejlu l-progress li sar".

29 ta' April 2008

Konferenza tal-Presidenza Slovena dwar is-solidarjetà Interġenerazzjonali, Brdo, Slovenja.

5-6 ta' Ġunju 2008

Konferenza dwar 'Il-Komunikazzjoni tal-Ugwaljanza u n-Nuqqas ta' Diskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea', Belfast, ir-Renju Unit.

20 ta' Ġunju 2008

It-Tur tal-UE bi Trakk għad-Diversità jibda fi Praga, ir-Repubblika Ċeka.

2 ta' Lulju 2008

- Il-Kummissjoni tipproponi Direttiva ġdida kontra d-diskriminazzjoni u toħroġ komunikazzjoni bl-isem "In-nuqqas ta' diskriminazzjoni u opportunitajiet indaqgħal: Impenn imġedded".
- Stabbilit il-Grupp Espert Governattiv dwar in-nuqqas ta' diskriminazzjoni.
- Ippubblikat ir-rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar 'Strumenti u politiki tal-UE għall-inklużjoni tar-Roma'.

- Ippubblikat s'tħarriġ ġdid tal-Ewrobarometru 'Id-Diskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea: Perċezzjonijiet, Esperjenzi u Attitudnijiet'.

1 ta' Settembru 2008

Jingħata bidu għall-Premju tal-Ġurnalisti FDAD 2008.

16 ta' Settembru 2008

L-Ewwel Summit Ewropew dwar ir-Roma, Brussell.

29-30 ta' Settembru 2008

It-Tieni Summit Ewropew dwar l-Ugwaljanza, Parigi.

18 ta' Novembru 2008

L-ewwel laqgħa tal-Grupp Espert Governattiv dwar in-Nuqqas ta' Diskriminazzjoni, Brussell.

25 ta' Novembru 2008

Seminar legali dwar l-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE dwar l-opportunitajiet indaqs u l-anti-diskriminazzjoni, Brussell.

1-2 ta' Diċembru 2008

Konferenza 'Naġixxu lokalment għal soċjetà għal kulħadd' bħala segwitu għall-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Diżabilità, Brussell.

3 ta' Diċembru 2008

Jum Internazzjonali għal Persuni b'Diżabilità "Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità: Dinjità u ġustizzja għalina lkoll".

11-12 ta' Diċembru 2008

Konferenza dwar il-każ kummerċjali għad-diversità 'Inkomplu l-Vjaġġ tad-Diversità', Brussell.

Introduzzjoni

Bosta nies madwar l-Unjoni Ewropea jiffaċċjaw diskriminazzjoni fuq il-bażi tar-razza jew l-orijini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-orjentazzjoni sesswali, l-età jew is-sess tagħhom. Madankollu proporzjon kbir għadhom mhumiex konxji li teżisti leġiżlazzjoni li tipprovdi ħarsien kontra tali diskriminazzjoni. F'dan ir-rapport, l-attenzjoni sejra tkun fuq id-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-orijini razzjali jew etnika li hija pprojbita mid-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u fuq il-bażi tar-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-orjentazzjoni sesswali u l-età li hija pprojbita mid-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi.¹ Id-diskriminazzjoni fuq il-bażi tas-sess, li l-protezzjoni kontriha hija pprovduta permezz ta' volum kbir ta' testi leġiżlattivi Ewropej, mhix sejra tkun koperta f'dan ir-rapport.²

Li d-diskriminazzjoni tittieħed bis-serjetà ifisser mhux biss li jittieħed il-pass li n-nies tinżamm informata dwar id-drittijiet tagħha, iżda wkoll ir-rikonoxximent li d-diversità teħtieġ li mhux biss tkun akkomodata iżda promossa bħala ta' ġid għall-ekonomija, għas-soċjetà u għall-kultura. Għaldaqstant, il-promozzjoni tad-diversità u l-għieda kontra d-diskriminazzjoni kienu prijoritajiet ewlenin fil-Kummissjoni Ewropea fl-2007-08. Dan ir-rapport għandu l-għan li juri xi wħud mill-iżviluppi legali u ta' politiki, u l-attivitajiet u l-avvenimenti ta' tqajjim ta' għarfien l-aktar importanti li seħew matul dan il-perijodu.

Dan ir-rapport jenfasizza l-importanza ta' sħubiji bejn l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tas-soċjetà ċivili u dawk Ewropej fit-tfassil tal-politika. Is-Summits dwar l-Ugwaljanza, il-Grupp ta' Esperti tal-Gvern dwar in-nuqqas ta' diskriminazzjoni u gruppi oħrajn ta' livell għoli jagħtu eżempju ta' dan l-impenn lejn il-kollaborazzjoni.

Il-qafas leġiżlattiv Ewropew huwa spjegat f'ċertu dettall u għażla ta' ġurisprudenza mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja turi kif dispożizzjonijiet legali ġew applikati fil-prattika. Tingħata wkoll ħarsa ġenerali tal-ħidma bażika li saret fl-2007-08 fuq abbozz ta' Direttiva li għandha testendi l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni b'mod konsiderevoli. Tingħata kunsiderazzjoni lill-mod kif il-gvernijiet nazzjonali addattaw id-Direttivi ta' kontra d-diskriminazzjoni u pprovdew għal kumpens.

Is-sena Ewropea 2007 ta' Opportunitajiet Indaqg għal Kulħadd kienet impenn ambizzjuż li ta bidu għal mijiet ta' azzjonijiet nazzjonali u kellu l-mira li jagħmel lin-nies konxji mid-drittijiet tagħhom għal trattament ugwali. Il-punti ewlenin huma deskritti u ġie nnutat il-potenzjal għall-futur. Il-kampanja "Għad-Diversità. Kontra d-Diskriminazzjoni" kompliet tuża mezzi viżivi u innovattivi sabiex tippromwovi d-diversità, b'avvenimenti importanti bħat-Tur bi Trakk u l-Premju tal-Ġurnalisti. It-tixrid tal-messaġġ li d-diversità hija ta' benefiċċju għan-negozju huwa essenzjali, b'mod speċjali f'dan iż-żmien ta' stress ekonomiku, u l-iżviluppi prinċipali fil-politiki dwar id-diversità ġew innutati.



Il-bidu tat-Tur tal-UE bit-Trakk fi Praga, 20 ta' Ġunju 2008

1 Direttiva 2000/43/KE, Direttiva 2000/78/KE.

2 Ara <http://ec.europa.eu/genderequality>



Parti I - Politika u šhubija

1.1. Miri importanti tal-politika u tal-programmi tal-UE

Is-sena Ewropea 2007 tal-Opportunitajiet Indaqgħ għal Kulħadd (paġna 24) tat momentum għdid lill-iżvilupp ta' politika u azzjoni dwar l-ugwaljanza fuq livell tal-UE. Fl-1 ta' Jannar 2007, Programm għdid għall-Impjiegi u s-Solidarjetà Soċjali (PROGRESS), ħa r-riedni mill-Programm ta' Azzjoni Komunitarja għall-Ġlieda Kontra d-Diskriminazzjoni (2001-06).

Il-fergħa ta' PROGRESS "Nuqqas ta' Diskriminazzjoni u Diversità" tkompli l-attivitajiet ewlenin tal-Programm ta' Azzjoni ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni sabiex tqajjem għarfien fil-livelli kollha, tagħti spinta lill-kapaċità tas-setturi legali u tas-soċjetà ċivili u tinvestiga l-kawżi mill-għeruoq u l-azzjoni effikaċi marbuta mal-ugwaljanza. B'baġit ta' aktar minn 700 miljun Euro għall-2007-2013, PROGRESS jiffinanzja attivitajiet fl-oqsma ta': l-impjiegi, l-inklużjoni u l-protezzjoni soċjali, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-promozzjoni tal-integrazzjoni tas-sessi fil-politiki kollha tal-UE. L-inklużjoni ta' dawn l-oqsma tagħti lill-programm dimensjoni aktar komprensiva u integrata, b'benefiċċji importanti - pereżempju fl-indirizzar tad-diskriminazzjoni għal raġunijiet multipli.



Il-Kummissarju, Vladimír Špidla u l-Ministru Franċiż Xavier Bertrand, Summit dwar l-Ugwaljanza f'Pariġi

Avveniment politiku importanti ieħor kien il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-2 ta' Lulju 2008, li nħarġet bħala parti minn pakkett li kien jinkludi proposta għal Direttiva għdida kontra d-diskriminazzjoni (paġna 21), it-twaqqif ta' Grupp Espert Governattiv (paġna 13) u dokument ta' ħidma dwar strumenti għall-inklużjoni tar-

Roma (paġna 15). Il-Komunikazzjoni stabbiliet "impenn imġedded" u sejħa għall-appoġġ ta' protezzjoni legali aqwa permezz tal-preżentazzjoni ta' strateġija attiva għall-promozzjoni tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni u ta' opportunitajiet indaqgħ. L-inklużjoni tal-ugwaljanza, l-użu tad-dejta, azzjoni pożittiva u taħriġ/tqajjim ta' għarfien ġew enfasizzati bħala oqsma essenzjali.

Is-suċċess ta' politika u azzjoni fuq livell Ewropew jiddependi fuq kooperazzjoni ta' suċċess mal-atturi kollha involuti fl-ugwaljanza, bħal Stati Membri, is-soċjetà ċivili, trejdnjins u il-qasam tan-negożju.

1.2. Sħubija ma' Stati Membri

L-UE u l-Istati Membri għandhom rwoli essenzjali u kumplementari fit-twassil ta' politiki u azzjoni qawwija dwar l-ugwaljanza. Id-Direttivi dwar l-Ugwaljanza rrappreżentaw kontribuzzjoni essenzjali fuq livell Ewropew. L-Istati Membri huma responsabbli għat-trasferiment sħiħ tagħhom fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, u li jaddattawhom b'mod li jkunu mfasla għar-realtajiet nazzjonali. Bosta pajjiżi jmorru lil hinn mill-istandards minimi.

Fuq sfond ta' diversi kuntesti nazzjonali ta' ugwaljanza, hemm ambitu wiesa' għal kooperazzjoni ta' benefiċċju reċiproku, kemm bejn il-korpi Ewropej u daww nazzjonali kif ukoll bejn l-Istati Membri. Kemm jekk hi kwistjoni ta' formular ta' politiki kif ukoll jekk hi kwistjoni ta' ppjanar ta' azzjoni bażika, l-isfidi komuni jistgħu jiġu indirizzati bl-aħjar mod permezz ta' ħidma flimkien. Il-Kummissjoni wettqet ir-rwol tagħha fl-2007-08, fost oħrajn, permezz tal-koorganizzazzjoni tal-ewwel żewġ summits ta' livell għoli dwar l-ugwaljanza u billi stabbiliet grupp espert governattiv.

1.2.1. Summits dwar l-Ugwaljanza

Is-summits Ewropej dwar l-ugwaljanza, li saru f'Berlin u f'Pariġi, għenu sabiex iressqu l-kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni u ta' diversità sal-quċċata tal-aġendi tal-UE u tal-gvernijiet nazzjonali. Skambji li taw il-frott tagħhom bejn ministri, daww li jfasslu l-politiki, kif ukoll rappreżentanti tal-NGOs, tal-imsieħba soċjali u ta' min iħaddem, irriżultaw f'dikjarazzjoni qawwija ta' intenzjoni ta' prijorizzazzjoni ta' soċjetà aktar ugwali.

Il-Kummissarju Vladimír Špidla u l-Ministru Federali Ġermaniż Ursula von der Leyen taw bidu għas-Summit ta' Berlin dwar l-Ugwaljanza fit-30 ta' Jannar 2007, li ħejja t-triq ukoll għall-bidu tas-Sena Ewropea tal-Opportunitajiet Indaqgħ għal Kulħadd (EYEO). Il-parteċipanti, kemm jekk kienu minn istituzzjonijiet tal-UE, minn awtoritajiet pubbliċi, NGOs kif ukoll imsieħba soċjali ngħaqdu fl-istabbiliment ta' miri għas-Sena fuq medda ta' żmien twil, li jmorru lil hinn mit-12-il xahar tagħha.

Is-Summit ta' Pariġi li sar fid-29-30 ta' Settembru 2008 mill-ġdid laqqa' persuni li jfasslu l-politika u lil partijiet interessati ta' livell għoli. Huwa pprova forum għad-dibattitu tad-Direttiva l-ġdida (paġna 21) proposta sabiex il-protezzjoni legali tiġi estiża lil hinn mis-suq tax-xogħol sabiex tkopri wkoll oġġetti u servizzi fejn tidħol diskriminazzjoni minħabba l-età, id-diżabilità, ir-religjjon jew it-twemmin u l-orjentazzjoni sesswali. Il-post tax-xogħol baqa' suġġett ewlieni, bil-Ministru tax-Xogħol Franċiż, Xavier Bertrand, u l-Kummissarju Vladimír Špidla jagħmlu sejħa għat-teħid madwar l-UE ta' inizjattivi ta' 'dokument dwar id-diversità' għal min iħaddem (paġna 28), inizjattivi li wrew li kienu ta' suċċess fi Franza, fil-Ġermanja u fil-Belġju. Il-konklużjonijiet tas-Summit kienu jinkludu l-ħtieġa ta' rwol indipendenti għall-korpi tal-ugwaljanza u attenzjoni akbar għall-inklużjoni tal-ugwaljanza u għad-diskriminazzjoni multipla.

1.2.2. Grupp Espert Governattiv

Meta ntemmet l-EYEO, kien essenzjali li jinżamm il-momentum milħuq, l-aktar fir-rigward tal-kooperazzjoni li kienet issawret ma' u bejn il-gvernijiet dwar politika ta' kontra d-diskriminazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattika. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni nediet inizjattiva sabiex tiffirma 'Grupp Espert Governattiv' (GEG), magħmul minn rappreżentant wieħed ta' livell għoli minn kull Stat Membru b'responsabbiltà politika fil-qasam ta' kontra d-diskriminazzjoni u tal-promozzjoni tal-ugwaljanza.

Il-GEG, imħabbar formalment fit-2 ta' Lulju 2008 u b'effett minn Novembru 2008, ingħata l-kompitu li:

- Jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea;
- Isegwi u jappoġġja l-evalwazzjoni tal-politiki tal-UE u dawk nazzjonali dwar in-nuqqas ta' diskriminazzjoni;
- Jinkoraġġixxi l-iskambju tal-esperjenza u tal-prattika tajba dwar in-nuqqas ta' diskriminazzjoni u l-promozzjoni tal-ugwaljanza.

Barra minn hekk il-GEG assumu r-rwol ta' punt ta' kuntatt għall-fergħa tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni li taqa' taħt il-programm PROGRESS.

1.3. Kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili

Organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) dwar l-Ugwaljanza u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni għandhom rwol doppju fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. L-ewwel, huma spiss jipprovdu appoġġ dirett u pariri lill-vittmi ta' diskriminazzjoni u lil dawk li l-aktar qegħdin fir-riskju ta' trattament inġust. Huma jużaw ukoll l-esperjenza prattika tagħhom sabiex jipprovdu sehem imprezzabbli fil-

politika kontra d-diskriminazzjoni fil-livelli kollha. Il-kooperazzjoni fuq livell Ewropew ma' NGOs u networks ta' NGOs hija ta' benefiċċju reċiproku f'dawn iż-żewġ oqsma.

1.3.1. Il-vuċi tas-soċjetà ċivili fil-politika

Il-Kummissjoni Ewropea kienet diġà bniet kuntatt tajjeb u interazzjoni tajba mas-soċjetà ċivili sa ma waslet is-Sena Ewropea 2007 ta' Opportunitajiet Indaq (EYEO), li pprovdiet iżjed opportunitajiet għas-settur tal-NGOs biex isemma' leħnu. Minbarra li ħadu sehem sħiħ f'avvenimenti ewlenin bħas-Summit ta' Berlin dwar l-Ugwaljanza, u l-Konferenza tal-Għeluq tal-EYEO li saret f'Liżbona, l-NGOs kienu fost dawk l-aktar entużjasti li wiegħbu għal konsultazzjoni online tal-Kummissjoni dwar l-anti-diskriminazzjoni li saret bejn l-4 ta' Lulju u l-15 ta' Ottubru 2007. Matul dawn it-tmien ġimgħat, wiegħbu 138 NGO nazzjonali u 33 NGO mifruxa mal-Ewropa - li jir-rappreżentaw aktar minn terz tat-tweġibiet kollha minn organizzazzjonijiet, awtoritajiet pubbliċi u kumpaniji.

Waqst il-konsultazzjoni, ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili saħqu fuq il-ħtieġa li l-protezzjoni legali kontra d-diskriminazzjoni tinfirex lil hinn mill-post tax-xogħol u li jtkomplew jittieħdu miżuri lil hinn mil-leġiżlazzjoni biex tkun żgurata ugwaljanza akbar fil-prattika. Fehim aħjar u azzjoni aktar komprensiva dwar id-diskriminazzjoni multipla kienu wkoll tħassib rikorrenti. Il-Kummissjoni, min-naħa tagħha, wiegħbet billi pproponiet leġiżlazzjoni ġdida fit-2 ta' Lulju 2008 (paġna 21) u billi organizzat konferenza dwar id-diskriminazzjoni multipla f'Diċembru 2007.

1.3.2. L-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea lin-networks

Skont il-programm PROGRESS, li beda f'Jannar 2007, ġew iffirmati l-ftehimiet ta' sħubiji għal appoġġ finanzjarju ma' networks ġenerali prinċipali u organizzazzjonijiet siewja oħrajn fuq livell Ewropew.



In-netwerks ewlenin, kull wieħed responsabbli mir-raġunijiet koperti mil-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni huma:

- AGE, il-Pjattaforma Ewropea għall-Persuni Anzjani, li tipromwovi l-interessi tal-persuni anzjani fl-UE u tqajjem għarfien dwar il-kwistjonijiet li l-aktar jolqtuhom;
- Il-Forum Ewropew għall-Persuni b'Diżabilità (EDF), li jiddefendi d-drittijiet ta' 50 miljun persuna b'diżabilità fl-Ewropa;
- In-Netzwerk Ewropew Kontra r-Razziżmu (ENAR), li jirraappreżenta aktar minn 600 organizzazzjoni li jaħdmu kontra r-razziżmu, l-ksenofobija, l-anti-Semitiżmu u l-Iżlamofobija fl-Ewropa;
- L-Uffiċċju Ewropew ta' Informazzjoni dwar ir-Roma, li jipromwovi d-diskussjoni politika u pubblika dwar kwistjonijiet tar-Roma billi jipprovdi informazzjoni fattwali u fil-fond dwar firxa ta' kwistjonijiet politiċi;
- L-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Lesbjani u l-Gays -Ewropa (ILGA-Ewropa), li tlaqqa' aktar minn 350 grupp nazzjonali u lokali ddedikati għall-kisba ta' drittijiet ugwali għal-lesbjani, l-irġiel gay, il-persuni bisesswali u transesswali.



Ingħata appoġġ lil netwerks oħrajnattivif'danil-qasam ukoll: Autism Europe; l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Fornituri tas-Servizzi għal Persuni b'Diżabilità; l-Unjoni Ewropea tal-Għomja; i n - N e t w e r k Ewropew dwar l-Għajxien Indipendenti; Inclusion Europe u l-Federazzjoni Internazzjonali għall-Idroċefalu u l-Ispina Bifida.

1.3.3. Taħriġ

Ġie rikonoxxut b'mod wiesa' li għalkemm id-Direttivi Ewropej għamlu passi kbar fl-għoti ta' garanzija legali kontra d-diskriminazzjoni, fihom infushom ma jiżgurawx titjib radikali ta' drittijiet ugwali fil-prattika. Seminars ta' taħriġ għall-NGOs huma mezz ulterjuri biex dan jintlaħaq. Diġà wrew li kienu utli waqt il-Programm ta' Azzjoni Komunitarju għall-Ġlieda kontra d-Diskriminazzjoni, li kien għaddej bejn l-2001-

2006. Ħadu sehem bosta rappreżentanti tal-NGOs, u ġie żviluppat u magħmul disponibbli b'xejn materjal ta' taħriġ utli.

Fuq nota simili, ġiet organizzata sensiela ġdida ta' sessjonijiet taħt il-programm PROGRESS.

Bejn il-ħarifa 2007 u r-rebbiegħa 2008, saret sensiela ta' seminars nazzjonali ta' taħriġ li ġew iffinanzjati mill-Kummissjoni Ewropea fl-Istati Membri kollha tal-UE, fit-Turkija, fin-Norveġja u fl-Iżlanda. 1100 parteċipant minn NGOs u kważi 300 parteċipant minn trejtdjunjins ħadu sehem f'seminars nazzjonali ta' non-diskriminazzjoni biex jitħarrġu fit-tqajjim ta' għarfien u fehim tal-leġiżlazzjoni u l-politika nazzjonali. Il-programm PROGRESS jappoġġja wkoll taħriġ għall-prattikanti tal-liġi fil-qasam tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni li jsir mill-Akkademja tal-Liġi Ewropea (ERA).

1.4. Grupp ta' livell għoli dwar l-Integrazzjoni Soċjali ta' Minoranzi Etniċi

Il-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Integrazzjoni Soċjali tal-Minoranzi Etniċi u l-Parteċipazzjoni Sħiħa tagħhom fis-Suq tax-Xogħol ġie stabbilit fuq il-bażi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/33/KE fl-20 ta' Jannar 2006. L-għan tiegħu huwa li jeżamina liema ostakoli jfjixklu l-integrazzjoni ta' membri ta' minoranzi etniċi fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà u li jidentifika l-aħjar Prattika biex jingħelbu dawn id-diffikultajiet.

Il-Grupp jinkludi 10 rappreżentanti li ġejjin minn diversi sfondi nklużi mid-dinja tan-negozju, tal-gvern, tal-midja u tas-soċjetà ċivili. Kull membru għandu rekord ta' impenn fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u fil-ħidma fi kwistjonijiet ta' ugwaljanza.

Fl-2007, il-Grupp analizza għadd kbir ta' riċerki f'dan il-qasam, iltaqqa' ma' rappreżentanti minn organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tal-impjegati u skambja opinjonijiet mal-membri tal-Kumitat tal-Parlament Ewropew għal-Libertajiet Ċivili.

Sussegwentement, il-Grupp identifika 14-il ostaklu għall-minoranzi etniċi fil-kisba tagħhom ta' impjeg: nuqqas ta' edukazzjoni u taħriġ; nuqqas ta' kapaċitajiet lingwistiċi; nuqqas ta' rikonoxximent ta' ħiliet u kwalifiki; nuqqas ta' aċċess għall-professjonijiet; nuqqas ta' aċċess għaċ-ċittadinanza; nuqqas ta' politiki ta' integrazzjoni; sterjotipi, preġudizzji u attitudnijiet negattivi; bidla industrijali; nuqqas ta' inċentivi permezz ta' sistemi ta' għajjnuna soċjali; diskriminazzjoni; nuqqas ta' informazzjoni; kompetizzjoni fis-suq tax-xogħol; u xogħol mhux iddikjarat.

Barra minn hekk, il-Grupp enfasizza għadd ta' kwistjonijiet oħra permezz tar-rapporti tiegħu dwar il-progress,

inkluż in-nuqqas ta' dejta dwar il-ħaddiema migranti u l-ħtieġa li dawn ikunu nklużi fi ftehimiet kollettivi. Kienet enfasizzata wkoll il-ħtieġa li jingħataw aktar pariri lil negozji żgħar dwar l-applikazzjoni tal-liġi kontra d-diskriminazzjoni.

1.4.1. L-aħjar prattika

ACCEDER, proġett li jappoġġja lir-Roma fi Spanja, kien fost l-aħjar prattiki identifikati mill-Grupp. Għalkemm bosta individwi jinsistu li jridu trattament "ugwali", u mhux trattament "speċjali", azzjoni pożittiva, kif ipprovduta skont id-Direttivi dwar l-Ugwaljanza, jista' jkollha rwol imprezzabbli, kif jixhed ACCEDER. L-azzjoni pożittiva kienet ukoll is-suġġett ta' konferenza u ta' opuskulu tematiku tal-Kummissjoni fl-2007 (paġna 26).

Eżempju ta' prattika tajba ta' Stat Membru msemmi mill-Grupp kienu d-dispożizzjonijiet legali li saru fl-Irlanda li huma aqwa u li jisbqu l-istandards minimi stabbiliti mid-Direttivi tal-UE dwar l-Ugwaljanza. Sal-2007, l-Irlanda kienet diġà stabbiliet leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni li tkopri oġġetti u servizzi lil hinn mir-rekwiżiti tal-UE. Il-leġiżlazzjoni Irlandiża identifikat u pprovdiet ukoll għal disa' raġunijiet ta' diskriminazzjoni differenti.

1.5. Fokus fuq ir-Roma

Il-kelma 'Roma' tintuża b'mod komuni bħala terminu li jkopri numru ta' gruppi, inklużi r-Roma, is-Sinti u l-Vjaġġaturi. Ir-Roma, li n-numru tagħhom ilaħħaq madwar 10-12-il miljun, b'kollox jirrappreżentaw l-akbar minoranza etnika fl-Ewropa. Filwaqt li tirrispetta d-differenza kulturali bejn il-gruppi differenti, il-Kummissjoni Ewropea qiegħda taġixxi sabiex tilqa' għall-isfidi komuni li jaffaċċjaw dawn il-gruppi, inklużi diskriminazzjoni estensiva u esklużjoni soċjali. Din hija sitwazzjoni rikonoxxuta wkoll mill-pubbliku Ewropew, li 77% tiegħu jqis li l-fatt li wieħed ikun Roma huwa ta' żvantaġġ fis-soċjetà. (paġna 27 Ewrobarometru)

1.5.1. Rapport dwar l-istrumenti għall-inklużjoni

Fis-summit tagħhom ta' Diċembru 2007, il-mexxejja tal-UE talbu analiżi mġedda tal-politiki u strumenti disponibbli fil-livell tal-UE sabiex titjeb l-inklużjoni tar-Roma. Rapport ta' segwitu tal-Kummissjoni Ewropea, ippublikat fit-2 ta' Lulju 2008, irrikonoxxa li miljuni ta' Ewropej ta' oriġini Roma huma soġġetti għal diskriminazzjoni persistenti u esklużjoni soċjali li twassal għal ħafna konsegwenzi oħra. Ir-rapport ħeġġeġ użu aħjar tal-ġħodod eżistenti għall-ġlieda kontra dawn il-problemi. B'mod partikolari, huwa enfasizza l-ħtieġa għal kooperazzjoni qawwija bejn il-korpi tal-UE, l-Istati Membri u s-soċjetà ċivili.

Ir-rapport ikkonkluda li jista' jsir aktar xogħol sabiex isir użu mill-qafas b'saħħtu eżistenti ta' ġħodod ta' koordinazzjoni leġiżlattivi, finanzjarji, u politiċi disponibbli. B'mod partikolari huwa nnota l-potenzjal għall-promozzjoni tal-inklużjoni permezz tal-Fondi Strutturali tal-UE, inkluż il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u strumenti ta' pre-adeżjoni. Pereżempju, fl-2000-2006, 275 miljun Euro mill-fond tal-FSE kienu ddedikati għal proġetti mmirati b'mod speċifiku lejn ir-Roma.

1.5.2. L-ewwel summit tal-UE dwar ir-Roma

L-ewwel Summit dwar ir-Roma fil-livell tal-UE sar fi Brussell fis-16 ta' Settembru 2008. Kienet l-ewwel okkażjoni tat-tip tagħha, fejn 400 rappreżentant minn istituzzjonijiet tal-UE, gvernijiet nazzjonali u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili minn madwar l-Ewropa setgħu jiltaqqgħu, jiddiskutu s-sitwazzjoni tal-komunitajiet Roma fl-UE u jesploraw modi kif itejbuha.



Parteċipazzjoni ta' livell għoli mill-istituzzjonijiet tal-UE, l-organizzazzjonijiet globali u gruppi ta' Roma wriet impenn min-naħa tal-partijiet kollha. Il-Kummissjoni kienet irrappreżentata minn erbgħa mill-kummissarji tagħha, inkluż il-President Barroso u Vladimír Špidla. Parteċipanti importanti oħrajn kienu jinkludu lil George Soros, President tal-Istitut tas-Soċjetà Miftuħa, Shigeo Katsu, Viċi-President tal-Bank Dinji, kif ukoll lil Livia Járóka u Viktória Mohácsi, Membri Parlamentari Ewropej Ungeriżi ta' oriġini Roma.

Kien hemm qbil li l-problemi kienu kumplessi, iżda li l-prijoritajiet bażiċi huma ċari: l-edukazzjoni, l-impjiegi, is-saħħa u l-akkomodazzjoni. Ir-rapport ta' Lulju tal-Kummissjoni nnota miżuri legali li diġà ttieħdu u pponta lejn fondi strutturali bħala riżorsa siewja għall-azzjoni. Ġie konkluż li l-proġetti jkunu l-aktar effikaċi meta dawn ikun appoġġjati waqt l-ippjanar u fl-implimentazzjoni mis-soċjetà ċivili. Dawn il-miżuri, flimkien ma' kooperazzjoni eqreb b'mod speċjali ma' Stati Membri, jistgħu jġibu titjib sostanzjali fis-sitwazzjoni inaċċettabbli u persistenti tad-diskriminazzjoni u tal-marġinalizzazzjoni li persuni Roma jiffaċċjaw fl-Ewropa.

1.5.3. Diċembru 2008, Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inklużjoni tar-Roma

Għalkemm il-Kummissjoni hija minn ta' quddiem nett f'dan il-proċess, kienet meħtieġa azzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali sabiex isir progress reali fuq il-post. Il-Kunsill Ewropej ta' Diċembru 2008 approva l-konklużjonijiet komprensivi tal-laqqgħa tal-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali li jikkonferma l-impenn tal-Istati Membri għall-użu tal-għodod disponibbli, bħalma huma l-Fondi Strutturali, u għall-appoġġ tal-inklużjoni tar-Roma, u ddeċieda li jorganizza Summit ieħor dwar ir-Roma taħt il-Presidenza Spanjola fil-Jum Internazzjonali ddedikat għar-Roma fit-8 ta' April 2010.



Parti II - It-tpoġġija tal-liġi fil-prattika

Id-Direttivi tas-sena 2000 dwar l-Ugwaljanza kienu mira legali importanti għall-għieda kontra d-diskriminazzjoni fl-Ewropa. L-Istati Membri kellhom livelli differenti ta' leġiżlazzjoni dwar l-ugwaljanza diġà fis-seħħ, iżda d-Direttivi dwar l-Ugwaljanza stabbilew punt ta' referenza minimu ġdid li għandu jintlaħaq mill-membri kollha tal-UE.³ Dan għolla l-livell ta' protezzjoni, filwaqt li naqqas l-inkonsistenza fil-liġijiet u fil-mod ta' kif dawn huma applikati madwar l-UE.

Il-Kummissjoni Ewropea tikkunsidra d-differenzi leġittimi bejn it-tradizzjonijiet legali u istituzzjonali tal-Istati Membri u tirrispetta bis-sħiħ id-dritt tagħhom li jagħżlu l-metodi tagħhom stess ta' kif jimplementaw il-leġiżlazzjoni. Minkejja din il-flessibilità fl-ittra tal-liġi, kull Direttiva għandha tiġi 'trasposta' sew u b'mod sħiħ.

2.1. Proċeduri ta' ksur

Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieggi kellhom jiġu adottati fil-liġi nazzjonali sat-2 ta' Diċembru 2003 għall-15-il nazzjon li kienu Stati Membri fis-sena 2000, u saż-żmien tal-adeżjoni għat-12-il pajjiż li sussegwentement issieħbu fl-UE f'Mejju 2004 u f'Jannar 2007. Għad-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età u d-diżabilità sar provvediment għal estensjoni possibbli tad-data tal-għeluq sa Diċembru 2006. Sal-1 ta' Jannar 2007, is-27 Stat Membru kollha kienu għalhekk mistennija li 'jitttrasponu' ż-żewġ Direttivi b'mod sħiħ.

Minħabba li baqgħu xi differenzi fil-leġiżlazzjoni u tħassib dwar traspożizzjoni mhux korretta, bejn Lulju 2006 u Diċembru 2008, il-Kummissjoni bdiet proċeduri ta' ksur kontra għadd ta' Stati Membri.

Kif jaħdmu l-proċeduri ta' ksur?

Il-Kummissjoni Ewropea l-ewwel tibgħat "ittra ta' avviż formali" li tispjega r-raġuni għala hija tikkunsidra li l-Istat Membru ma ttrasponiex d-Direttiva b'mod korrett fil-liġi nazzjonali tiegħu. Jekk l-Istat Membru ma jwieġibx, jew jekk it-tweġiba ma tkunx sodisfaċenti, il-Kummissjoni tista' tmur għall-pass li jmiss tal-proċedura ta' ksur billi tibgħat "opinjonijiet raġunata", li tispjega l-argumenti legali f'aktar dettall. Għal darb'oħra, l-Istat Membru għandu xahrejn biex iwiegib. Jekk il-Kummissjoni xorta tikkunsidra li l-Istat Membru ma ttrasponi id-Direttiva b'mod korrett, f'dan l-istadju hija tista' tirreferi l-każ lill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fil-Lussemburgu. Il-Qorti tista' tiddikjara li Stat Membru ma kkonformax mal-obbligi tal-liġi tal-KE tiegħu billi ma ttrasponiex Direttiva f'liġi nazzjonali, b'mod sħiħ u korrett.

³ Id-Direttiva 2004/113/KE tindirizza wkoll kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi barra l-qasam tal-impjieggi u tipprojbixxi diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, inkluż il-fastidju u l-fastidju sesswali. Id-Direttiva 2006/54 tlaqqa' Direttivi differenti dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi li jipprojbixxu diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess fl-aċċess għall-impjieg, inkluż il-promozzjoni, u għat-taħriġ vokazzjonali, kif ukoll kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluż il-paga u skemi ta' sigurtà soċjali relatati mal-impjieg.



2.1.1. Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali

Minkejja l-isforzi tal-pajjiżi kollha tal-UE sabiex jimplementaw id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali (2000/43/KE), mhux il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali kollha jikkonformaw bis-sħiħ mar-rekwiżiti tagħha. Fis-27 ta' Ġunju 2007, il-Kummissjoni Ewropea bagħtet 'opinjonijiet raġunata' – it-tieni fażi tal-proċeduri ta' ksur - lil 14-il Stat Membru.

Ġew identifikati problemi fi tliet oqsma ewlenin:

- leġiżlazzjoni nazzjonali limitata fl-ambitu tagħha għall-post tax-xogħol;
- definizzjonijiet tad-diskriminazzjoni li huma differenti minn tad-Direttiva, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda d-diskriminazzjoni indiretta, il-fastidju u l-is-truzzjonijiet sabiex issir diskriminazzjoni;
- inkonsistenzi fid-dispożizzjonijiet imfassla sabiex jgħinu lill-vittmi, bħalma huma l-protezzjoni kontra l-vittimizazzjoni, il-qsim tal-piż tal-prova u d-drittijiet ta' assoċjazzjonijiet li jidhru fi proċeduri legali sabiex jgħinu lill-vittmi.

Network ta' esperti legali fil-qasam tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni

Matul il-Programm ta' Azzjoni Komunitarju għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, il-Kummissjoni stabbiliet network ta' esperti legali sabiex tinżamm aġġornata b'deċiżjonijiet u b'interpretazzjonijiet ġodda tal-liġi u sabiex jaqsmu għarfien u esperjenza. Barra mill-pubblikazzjonijiet spissi prodotti min-network (PAGEREF), fil-25 ta' Novembru 2008, il-Kummissjoni organizzat seminar legali fi Brussell, li laqqa' flimkien esperti legali dwar is-sessi u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. Il-workshops kienu jinkludu aspetti legali tal-obbligi pożittivi, id-diskriminazzjoni indiretta u d-diskriminazzjoni multipla.⁴

2.1.2. Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjeggi

F'Diċembru 2006 intbagħtu 'Ittri ta' avviż formalijiet' rigward id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjeggi (2000/78/KE) lil 17-il Stat Membru. Sadanittant, il-proċedura li nfetħet kontra żewġ Stati Membri oħrajn ingħalqet f'Diċembru 2007, wara l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida li wiegħbet għat-tfassil tal-Kummissjoni Ewropea.

Fil-31 ta' Jannar 2008, il-Kummissjoni bagħtet 'opinijoni raġunata' lil 10 Stati Membri u 'ittra ta' avviż formalijiet' lil Stat Membru ieħor, fejn talbithom jimplimentaw bis-sħiħ ir-regoli tal-UE li jipprojbixxu d-diskriminazzjoni fl-impjieg u fix-xogħol għal raġunijiet ta' reliġjon u twemmin, diżabilità, età u orjentazzjoni sesswali.

L-oqsma problematiċi ewlenin kienu jinkludu:

- leġiżlazzjoni nazzjonali limitata f'termini ta' persuni u oqsma li kienet tkopri, jew ta' eċċezzjonijiet usa' minn dawk awtorizzati mid-Direttiva;
- definizzjonijiet ta' diskriminazzjoni li huma differenti minn tad-Direttiva, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda d-diskriminazzjoni indiretta, il-fastidju u l-istruzzjonijiet sabiex issir diskriminazzjoni;
- nuqqas ta' implimentazzjoni xierqa tal-obbligu ta' min iħaddem li jipprovdi akkomodazzjoni xierqa għal ħaddiema b'diżabilità;
- inkonsistenzi fid-dispożizzjonijiet li jgħinu lill-vittmi, bħal fil-każ tal-'piż tal-prova', id-drittijiet ta' assoċjazzjonijiet li jgħinu lil individwi fil-każijiet tagħhom u l-protezzjoni kontra l-vittimizazzjoni.

2.2. Għażla ta' ġurisprudenza mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja

2.2.1. Irtirar obligatorju (Diskriminazzjoni minħabba l-età, ir-Renju Unit)

Il-każ C-388/07, imressaq mill-Kunsill Nazzjonali għall-Anzjanità kontra s-Segretarju tal-Istat għan-Negozju, l-Intrapriża u r-Riforma Regulatorja, relatat mal-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit li kienet tippermetti lil dawk li jħaddmu li jkeċċu ħaddiema ta' 65 sena jew aktar għal raġuni ta' irtirar. Ġie riferut minn qorti Inġliża lill-ECJ fid-9 ta' Awwissu 2007.

Fl-opinjoni tiegħu, mogħtija fit-23 ta' Settembru 2008, l-Avukat Ġenerali Mazák ġibed l-attenzjoni lejn il-fatt li l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjeggi (2000/78/KE) ma jitlobx li l-Istati Membri jiddefinixxu t-tipi ta' differenzi ta' trattament li jistgħu jkunu ġġustifikati taħt dak l-Artikolu. Huwa enfasizza li l-possibiltajiet ta' ġustifikazzjoni tad-differenzi fit-trattament fuq il-bażi tal-età skont id-Direttiva huma aktar estensivi minn dawk ibbażati fuq ir-raġunijiet l-oħrajn imsemmija fl-Artikolu 1.

Fid-deċiżjoni tagħha tal-5 ta' Marzu 2009, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja sostniet li l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2000/78 ma jipprekludix miżura nazzjonali li ma fihix lista eżatta tal-miri li jġġustifikaw deroga mill-prinċipju li jipprojbixxi diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-età. Madankollu, l-Artikolu 6(1) joffri l-opzjoni ta' deroga biss fejn dan ikun



⁴ Għal aktar tagħrif: <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=681&langId=mt&eventId=132&furtherEvents=yes>

iġġustifikat minn objettivi ta' politika soċjali leġittimi (eż. politika tal-impjeg). Huwa f'idejn il-qrati nazzjonali li jiżguraw il-leggittimità u jekk il-mezzi magħżula kinux xierqa u meħtieġa. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu il-leggittimità tal-mira għal standard ta' prova għoli.

2.2.2. Politika ta' reklutaġġ (Diskriminazzjoni minħabba r-razza/l-orijini etnika, il-Belġju)

Il-każ C-54/07, li jinvolvi ċ-Ċentru Belġjan għall-Opportunitajiet Indaq u l-Oppożizzjoni għar-Razziżmu u l-kumpanija NV Firma Feryn, ġie deċiż mit-Tieni Awla tal-ECJ fl-10 ta' Lulju 2008.

Dan kien relatat ma' interpretazzjoni tal-kunċett ta' 'diskriminazzjoni diretta' skont id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali (2000/43/KE) f'każ fejn min iħaddem kien iddikjara pubblikament li mhux ser jaċċetta applikazzjonijiet minn persuni ta' ċerta orijini etnika. L-ECJ iddeċidiet li d-dikjarazzjoni kienet tikkostitwixxi "diskriminazzjoni diretta fir-rigward ta' reklutaġġ fis-sens tal-Artikolu 2(2) (a) tad-Direttiva 2000/43/KE" u li dikjarazzjonijiet bħal dawn x'aktarx jiddiswadu lil ċerti kandidati milli japplikaw u jfixklu l-aċċess tagħhom għas-suq tax-xogħol.



L-ECJ kompliet li dikjarazzjonijiet pubbliċi ta' din ix-xorta "huma biżżejjed sabiex wieħed jassumi l-eżistenza ta' politika ta' reklutaġġ li hija direttament diskriminatorja fis-sens tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2000/43/KE". Hija żiedet li mbagħad tkun ir-responsabbiltà "ta' dak li jħaddem li jagħti prova li ma kienx hemm ksur tal-prinċipju tat-tattament ugwali".

2.2.3. Id-dritt għall-pensjoni (Diskriminazzjoni minħabba l-orjentazzjoni sesswali, il-Ġermanja)

Il-każ C-267/06, imressaq mis-Sur Tadao Maruko kontra l-Versorgungsanstalt der deutschen Bühnen (il-fond tal-pensjoni tat-teatru Ġermaniż), ġie deċiż mill-Awla Manja fl-1 ta' April 2008.

L-iskema ta' pensjoni tax-xogħol obligatorja għall-impjegati fit-teatru Ġermaniż kienet limitata għal persuni miżżewġa u fuq din il-bażi s-Sur Maruko kien irrifjutat l-ħlasijiet ta' pensjoni tas-sieħeb ta' ħajtu tal-istess sess li kien miet.

L-ECJ iddeċidiet li dawn it-tipi ta' skemi ta' pensjoni tax-xogħol għandhom jiġu kklassifikati bħala paga fis-sens tal-Artikolu 141 KE, minħabba li dawn joriġinaw minn ftehim kollettiv imfassal bil-għan li jissupplimenta l-benefiċċji tas-sigurtà soċjali li jiġihallu skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

L-ECJ iddeċidiet li f'dawn iċ-ċirkostanzi, trattament differenti ta' sħubija għall-ħajja huwa fil-prinċipju diskriminazzjoni fil-kuntest tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2000/78/KE. Għalhekk, ir-rifjut tal-għoti lis-superstiti tal-pensjoni tas-sieħeb tul il-ħajja tiegħu/tagħha huwa diskriminazzjoni diretta fuq il-bażi ta' orjentazzjoni sesswali, minħabba li persuni ta' sess differenti biss jistgħu jiżżewġu u persuni tal-istess sess biss jistgħu jidħlu fi sħubija tul il-ħajja. Madankollu, dan kollu jiddependi minn jekk il-konjuġi superstiti u l-imsieħba tul il-ħajja superstiti, ikunux f'sitwazzjoni simili fir-rigward ta' dik il-pensjoni skont il-liġi nazzjonali. L-ECJ iddikjarat li din hija kwistjoni li għandha tiddeterminaha l-qorti nazzjonali.

2.2.4. Diskriminazzjoni minħabba assoċjazzjoni (Diskriminazzjoni minħabba diżabbiltà, ir-Renju Unit)

Il-każ C-303/06, ikkontestat minn Sharon Coleman u Attridge Law/Steve Law, ġie deċiż mill-Awla Manja fis-17 ta' Lulju 2008. Is-Sinjorina Coleman li kienet impjegata ta' Attridge Law, għamlet talba minħabba trattament sfavorvoli bħala omm u bħala l-persuna ewlenija li tiegħu ħsieb il-wild diżabbli tagħha. Għalhekk l-ECJ kellha tagħmel interpretazzjoni ta' projbizzjoni ta' diskriminazzjoni diretta u fastidju fl-impjeg u fuq il-post tax-xogħol għal

raġunijiet ta' diżabbiltà skont l-Artikolu 2(2)(a) u 2(3) tad-Direttiva 2000/78/KE, b'mod speċjali tat-tifsira ta' diskriminazzjoni minħabba assoċjazzjoni.

L-ECJ iddikjarat li "interpretazzjoni tad-Direttiva li tillimita l-applikazzjoni tagħha għal persuni li huma stess huma diżabbli hija soġġetta li ċċaħħad lid-Direttiva minn element importanti tal-effikaċja tagħha u li tnaqqas il-protezzjoni li hija intenzjonata li tiggarrantixxi". Hija kkonkludiet li trattament inqas favorevoli tal-impjegata minħabba s-sitwazzjoni tagħha bħala l-persuna ewlenija li tiegħu ħsieb wild diżabbli kien kuntrarju għall-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni diretta stabbilita mill-Artikolu 2(2)(a). Bl-istess raġunar, l-ECJ ikkonkludiet li l-istess prinċipju kien japplika fir-rigward tal-fastidju.

2.3. Il-proposta għal Direttiva ġdida kontra d-diskriminazzjoni

Skont l-Artikolu 13 tat-Trattat tal-KE, l-Unjoni Ewropea tista' taġixxi sabiex tiġġieled id-diskriminazzjoni bbażata fuq sess, razza jew oriġini etnika, reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali. Madankollu, għad m'hemmx protezzjoni legali madwar l-UE sabiex tiġi indirizzata diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali barra s-suq tax-xogħol.

Fi ħdan il-qafas tas-Sena Ewropea 2007 tal-Opportunitajiet Indaqqs għal Kulħadd, il-Kummissjoni Ewropea ħabbret li f'nofs l-2008, kellha l-intenzjoni li tipproponi miżuri sabiex twessa' l-qafas legali eżistenti li fil-preżent jipprojbixxi d-diskriminazzjoni għal dawn ir-raġunijiet fl-impjeg, il-professjoni u t-taħriġ vokazzjonali, iżda mhux f'oqasma oħrajn tal-ħajja. Din ħadet il-forma ta' proposta għal Direttiva adottata fit-2 ta' Lulju 2008.⁵

L-abbozz tad-Direttiva għandu l-għan li jimplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sessali barra s-suq tax-xogħol. Huwa jstabbilixxi livell minimu uniformi ta' protezzjoni fl-Unjoni Ewropea għal persuni li jkunu sofrew diskriminazzjoni.

L-abbozz tad-Direttiva jiddikjara bħala illegali d-diskriminazzjoni fil-protezzjoni soċjali, inkluż is-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa, vantaġġi soċjali, akkomodazzjoni, edukazzjoni u aċċess għal u l-forniment ta' oġġetti u servizzi li huma disponibbli għall-pubbliku. L-Artikolu 3 jstipula li d-Direttiva ma taffettwax liġijiet nazzjonali relatati man-natura sekulari tal-Istat u l-istituzzjonijiet tiegħu, lanqas mal-istatus ta' organizzazzjonijiet reliġjużi.



L-abbozz tad-Direttiva jipprojbixxi diskriminazzjoni diretta u indiretta u fastidju u jqiegħed lill-fornituri ta' oġġetti u servizzi fid-dmir li jipprovdu akkomodazzjoni xierqa, f'konformità mal-Konvenzjoni tan-NU adottata dan l-aħħar dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà. Bħal fil-każ taż-żewġ direttivi l-oħrajn ta' kontra d-diskriminazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jipprovdu livell ogħla ta' protezzjoni minn dak introdott mill-abbozz tad-Direttiva. F'ċerti każijiet, l-abbozz tad-Direttiva jippermetti differenza ta' trattament, iżda biss jekk tali differenza tista' tkun iġġustifikata minn għan leġittimu u l-mezzi sabiex jinkiseb dak l-għan ikunu xierqa u meħtieġa. Huwa jinkludi l-istess dispożizzjonijiet dwar l-azzjoni pożittiva, id-difiża tad-drittijiet, il-piż tal-prova, il-vittimizazzjoni u s-sanzjonijiet taż-żewġ Direttivi l-oħrajn dwar l-Ugwaljanza u l-Artikolu 13. Jistipula wkoll il-ħolqien ta' korpi ta' ugwaljanza sabiex jippromwovu l-prinċipju ta' trattament ugwali, kif ipprovdut fid-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali.

⁵ COM(2008)0426

Fiż-żmien meta tħabbar l-abbozz tad-Direttiva, il-Kummissarju Ewropew Vladimír Špidla ikkummenta: “Fil-preżent, hemm nuqqas ta’ ugwaljanza fil-leġiżlazzjoni Komunitarja nnifisha minħabba li n-nies huma mħarsa kontra d-diskriminazzjoni barra l-post tax-xogħol għal raġunijiet ta’ sess u razza jew oriġini etnika biss. Jeħtieġ li niżguraw trattament ugwali għar-raġunijiet kollha.”

2.4. Dispożizzjoni legali għall-korpi tal-Ugwaljanza

L-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali jipprovdi għall-ħatra ta’ korpi responsabbli mill-promozzjoni ta’ trattament ugwali fuq il-bażi ta’ razza jew oriġini etnika. Numru kbir ta’ Stati Membri jmorru lil hinn minn dan, l-ewwel f’termini ta’ raġunijiet ta’ diskriminazzjoni li jkopru u t-tieni f’termini tal-poteri li għandhom sabiex jiġġieldu d-diskriminazzjoni.

Ir-rekwiżit minimu għall-Istati Membri huwa li jkollhom korp wieħed jew aktar għall-promozzjoni tal-ugwaljanza razzjali u tal-oriġini etnika, li jipprovdu għajjnuna indipendenti lill-vittmi tad-diskriminazzjoni fis-segwitu tal-ilment tagħhom dwar diskriminazzjoni, li jwettqu stħarriġiet indipendenti li jikkonċernaw id-diskriminazzjoni u li jipubblikaw rapporti u rakkomandazzjoni-jiet indipendenti dwar kwalunkwe kwistjoni relatata ma’ tali diskriminazzjoni.

Bosta Stati Membri wessgħu l-mandati tal-korp jew korpi ta’ ugwaljanza tagħhom, spiss lil hinn mir-rekwiżiti minimi tad-Direttivi.

2.4.1. *Equinet: In-Netwerk Ewropew għall-Korpi tal-Ugwaljanza*

Għadd ta’ Korpi nazzjonali tal-Ugwaljanza kkooperaw fi proġetti wara l-implimentazzjoni tad-Direttivi dwar l-Ugwaljanza, l-aktar f’inizjattiva fuq sentejn taħt il-Programm ta’ Azzjoni Komunitarja sabiex tiġġieled id-diskriminazzjoni li kienet imfassla sabiex tippromwovi l-kooperazzjoni ta’ bejniethom. Issa l-kooperazzjoni bejn il-korpi tal-ugwaljanza żviluppat fin-netwerk formali ‘Equinet’⁶, b’segretarjat permanenti stabbilit sa mill-aħħar tal-2007 fi Brussell. In-netwerk huwa appoġġjat mill-Kummissjoni Ewropea permezz tal-programm PROGRESS.

Sa April 2009, Equinet kien magħmul minn 31 organizzazzjoni minn 28 pajjiż Ewropew. Ir-Repubblika Ċeka u l-Polonja għandhom osservaturi tal-gvern minħabba li m’għandhomx korpi tal-ugwaljanza. In-Norveġja u l-Kroazja huma parteċipanti fin-netwerk għalkemm mhumiex fl-UE. Equinet għandu l-għan li jgħin lill-Korpi tal-Ugwaljanza jissodisfaw il-mandati tagħhom billi jistabbilixxi netwerk sostenibbli u bażi ta’ riżorsi għall-iskambju ta’ esperjenza legali, strateġiji ta’ infurzar, taħriġ u l-aħjar prattika kif ukoll pjattaforma għad-djalogu mal-istituzzjonijiet Ewropej.

6 Għal aktar tagħrif: www.equineteurope.org



Parti III – Nikkomunikaw I-Ugwaljanza

3.1. Is-Sena Ewropea tal-Opportunitajiet Indaqgħal Kulħadd

Is-Sena Ewropea 2007 tal-Opportunitajiet Indaqgħal Kulħadd (EYEO) kienet inizjattiva unika u ambizzjuża ta' komunikazzjoni u kollaborazzjoni fuq kwistjonijiet ta' ugwaljanza. Is-Sena 1997 Kontra r-Razziżmu u s-Sena 2003 għall-Persuni b'Diżabilità kienu diġà wrew impenn fuq livell Ewropew sabiex l-ugwaljanza titpoġġa fil-quċċata tal-aġenda. Is-Sena 2007 ħadet il-livell ta' ambizzjoni pass 'il quddiem, billi kopriet il-bażijiet kollha ta' diskriminazzjoni koperti mil-leġiżlazzjoni Ewropea fuq żona ġeografika vera-ment pan-Ewropea: kienu nvoluti s-27 Stat Membru tal-UE u tliet pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea - l-Iżlanda, il-Liechtenstein, u n-Norveġja.



L-Għeluq tal-EYO - Liżbona, Novembru 2007



Il-Polonja rċeviet il-premju Onorarju għall-aħjar reġistrazzjoni awdjoviżiva

Minbarra li kellha suġġett u ambitu ġeografiku wesgħin, is-Sena kellha l-għan li tilħaq lill-partijiet interessati kollha tal-ugwaljanza. Kien meqjus kruċjali li jissaħħu r-rabtiet bejn l-atturi li diġà kienu qegħdin jaħdmu flimkien u li jintlaħqu organizzazzjonijiet, kumpaniji u individwi ġodda.

Għalkemm l-EYEO kellha relattivament baġit żgħir ta' 15-il miljun Euro, ħadmet sabiex tilħaq l-aktar pubbliku Ewropew wiesa' possibbli. Minħabba l-fatt li daqs terz biss mill-Ewro-

pej kienu kompletament konxji dwar id-dritt legali tagħhom għan-nuqqas ta' diskriminazzjoni, din kienet prijorità ċara. U kemm jekk immirata lejn udjenza kummerċjali kif ukoll jekk immirata lejn udjenza ġenerali, karatteristika ewlenija tal-EYEO kienet l-għan li jitqajjem għarfien dwar id-drittijiet u li jitħeġġeġ ir-rispett tad-diversità.

B'aktar minn 430 azzjoni nazzjonali li magħhom għabu 'l fuq minn 1,600 attività sabiex ixerrdu l-messaġġi tal-EYEO, u aktar minn 1,700 attività oħra li taw "appoġġ morali"⁷ lill-azzjoni, is-Sena tista' titqies bħala waħda ta' suċċess. B'riżultat ta' dan, ħafna aktar Ewropej huma konxji mid-drittijiet tagħhom li ma jsofrux minn diskriminazzjoni. Madwar 370 miljun ċittadin intlaħqu wkoll permezz ta' artikli ppubblikati f'gazzetti u rivisti dwar l-attivitajiet tas-Sena, u kien hemm ukoll kważi 900,000 viżitatur għall-websajt uffċjali tal-EYEO. Ġew ippubblikati 'l fuq minn 450 rapport ta' avvenimenti nazzjonali, pubblikazzjonijiet u aħbarijiet fi 22 lingwa tal-UE fuq il-paġni nazzjonali ta' informazzjoni tal-websajt, li għamel l-informazzjoni dwar il-pajjiżi speċifiċi aċċessibbli għaċ-ċittadini kollha Ewropej.

3.1.1. Il-ġrajjet ewlenin tas-Sena

L-ewwel Summit Ewropew dwar l-Ugwaljanza li qatt sar ġie organizzat f'Berlin fit-30-31 ta' Jannar 2007, li pprova wkoll il-pjattaforma għat-tnedija tas-Sena. Is-summit laqqa' aktar minn 400 parteċipant – inklużi persuni ta' livell għoli li jfasslu l-politiki, rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, u organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tal-impjegati. Dan ta bidu għal kooperazzjoni għolja bejn l-atturi kollha involuti fl-ugwaljanza. Minbarra li stabbilixxew ambizzjonijiet għas-Sena nnifisha, il-parteċipanti kollha enfasszaw il-ħtieġa li jintuża l-momentum tas-Sena għal wirt li jdm aktar mit-12-il xahar tagħha. It-Tur bi Trakk tad-Diversità, li diġà kien karatteristika tal-kampanja tas-snin ta' qabel "Għad-Diversità. Kontra d-Diskriminazzjoni" (paġna 25), ħa s-Sena Ewropea fi 32 belt f'19-il pajjiż, inklużi l-Bulgarija u r-Rumanija, l-aktar Stati Membri reċenti. It-Tur bi Trakk kien mod interattiv kif il-messaġġi tal-EYEO jitwasslu lin-nies permezz ta' avvenimenti ta' spetakli tat-triq. Offra wkoll opportunità eċċellenti għall-awtoritajiet pubbliċi, is-soċjetà ċivili, in-negozji u t-trejdjunjins li jsaħħu r-rabtiet tagħhom permezz tal-kooperazzjoni.

Il-midja, bla dubju ta' xejn wieħed mill-aktar multiplikaturi importanti li jista' jilħaq lill-pubbliku, ġiet onorata bil-'Premju tal-Ġurnalisti' tal-EYEO. Wara li ntgħażlu l-artikli rebbieħa minn kull pajjiż, ġie nnominat rebbieħ ġenerali fil-livell Ewropew: Maria do Céu Neves, mill-gazzetta *Diário de Notícias*, għar-rendikont tagħha tat-trattament ta' ħaddiema migranti mill-Portugall u l-Polonja fl-Olanda. Premju speċjali ieħor kien ippreżentat lill-ġurnalista Awstrijaka Maria Sterkl għar-rappurtaġġ tagħha dwar miżuri li jappoġġjaw nisa migranti anzjani fi Vjenna.

⁷ Azzjonijiet intitolati li jużaw il-logo tal-EYEO iżda li ma jirċivux finanzjament mill-UE.

Mezz ieħor tal-midja, MTV, wassal il-messaġġ dwar l-ugwaljanza liż-żgħażaġħ. Il-‘kompetizzjoni kreattiva’ tiegħu iffukat fuq iċ-ċelebrazzjoni tad-diversità. Studenti tal-iskola mill-Irlanda rċewew il-premju għad-disinn tal-poster tagħhom.

Fil-livelli bażiċi, l-NGOs u l-imsieħba soċjali ltaqgħu matul is-Sena għal aktar kooperazzjoni u netwerking. Dawn l-atturi wettqu rwol essenzjali fl-iżvolġiment tas-Sena. Huma rrappreżentaw l-opinjoni pubblika dwar l-ugwaljanza u taw vuċi lill-vittmi tad-diskriminazzjoni.

3.1.2. Il-konklużjonijiet u l-wirt tas-Sena

Bil-motto “Niċċelebraw l-2007!” madwar 700 parteċipant mit-30 pajjiż involuti fis-Sena Ewropea ltaqgħu f’Liżbona fid-19 u l-20 ta’ Novembru sabiex jagħlqu s-Sena b’konferenza uffċjali. Din ipprovdiet il-forum għall-ġbid ta’ konklużjonijiet mis-Sena u għall-ħarsa ‘l quddiem lejn l-iżgurar tal-kontinwità tal-isforzi għall-ugwaljanza.

Minbarra li sar rikonoxximent tal-kisbiet tal-avvenimenti ewlenin tas-Sena, ingħata tribut lill-bosta avvenimenti organizzati minn gruppi bħalma huma assoċjazzjonijiet tal-ugwaljanza, negozji żgħar u skejjel. Dawn ħadu l-ispirtu tas-Sena fil-livell lokali.

Bla dubju ta’ xejn is-Sena tat riżultati tajbin fl-għanijiet prinċipali tagħha li tagħmel impatt fil-livelli kollha. Is-Sena tat il-momentum għal bosta passi ‘l quddiem fil-politika, mhux l-inqas il-proposta tal-Kummissjoni stess għal Direttiva ġdida kontra d-diskriminazzjoni fl-2008.



Minħabba li l-istrateġiji nazzjonali għas-Sena tfasslu f’kooperazzjoni mill-qrib mas-soċjetà ċivili, ġie stabbilit djalogu sostnut mal-awtoritajiet u mal-persuni li jfasslu l-politika fil-livell lokali, biex b’hekk inbena l-pedament għal governanza mtejbja tal-kwistjonijiet tal-ugwaljanza għall-ġejjieni. F’ċerti pajjiżi, din kienet l-ewwel darba li rrappreżentanti tas-soċjetà ċivili u dawk li jfasslu l-politika ltaqgħu sabiex jiddiskutu kwistjonijiet bħad-diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentazzjoni sesswali.

Is-Sena ħalliet il-marka tagħha wkoll fost il-pubbliku ġenerali. Skont l-istħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2008, sa 37 % tal-Ewropej kienu konxji li l-2007 kienet is-Sena Ewropea tal-Opportunitajiet Indaqgħ għal Kulħadd - riżultat impressjonanti.



It-tur bi Trakk 2008, waqfa f’Jurmala (il-Latvja)

3.2. Tqajjim ta’ għarfien

Huwa diffiċli li wieħed jagħti stima għolja lill-valur tat-tqajjim tal-għarfien. L-istħarriġ wera li l-Ewropej huma konxji li d-diskriminazzjoni hija problema, iżda għadd relattivament żgħir jafu dwar id-drittijiet legali tagħhom. It-tqajjim tal-għarfien jappoġġja wkoll l-azzjoni. Il-kampanji jistgħu jagħtu lill-awtoritajiet, lill-organizzazzjonijiet u lill-individwi, l-għodda u l-għarfien sabiex jgħinu fid-difiża ta’ persuni li jiffaċċjaw id-diskriminazzjoni.

3.2.1. Il-kampanja ‘Għad-Diversità. Kontra d-Diskriminazzjoni’

Sa mill-2003, il-kampanja ‘Għad-Diversità. Kontra d-Diskriminazzjoni’ (FDAD) tal-Kummissjoni Ewropea⁸ organizzat attivitajiet sabiex tqajjem għarfien dwar kwistjonijiet li għandhom x’jaqsmu mal-ugwaljanza. Il-kampanja hija kkaratterizzata minn kooperazzjoni bejn firxa wiesgħa ta’ partijiet interessati inklużi l-awtoritajiet pubbliċi fl-Istati Membri, is-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet ta’ min iħaddem u tal-impjegati.

Fl-2007, bosta attivitajiet stabbiliti matul il-kampanja FDAD tkomplew mis-Sena Ewropea tal-Opportunitajiet Indaqgħ għal Kulħadd. It-Tur bi Trakk u l-Premju tal-Ġurnalisti kienu fost l-inizjattivi taħt il-kappa tas-Sena, u dawn reġgħu tnedew fl-2008.

It-Tur bi Trakk 2008 beda fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant. It-tur wassal it-tip partikulari tiegħu ta’ taħlita ta’ tqajjim ta’ għarfien u ta’ divertiment matul 20 waqfa f’10 pajjiżi.

Il-Premju tal-Ġurnalisti, fil-ħames sena tiegħu fl-2008, reġa’ kien miftuħ għall-Istati Membri kollha tal-UE. Il-premju speċjali ngħata għal artikli li kienu jindirizzaw kwistjonijiet relatati mar-Roma, fid-dawl tal-problemi partikolari ta’ diskriminazzjoni li jiffaċċja dan il-grupp, u tal-isforzi akbar fl-2008 sabiex dawn jiġu indirizzati.

⁸ Ara <http://www.stop-discrimination.info/>

B'hal fis-snin ta' qabel, il-kampanja FDAD kienet viżwali immens. Iż-żgħażaġh Ewropej kellhom iċ-ċans li jkunu involuti billi jipparteċipaw f'konkors tar-ritratti organizzat f'kooperazzjoni mal-MTV. L-aħjar ritratti ntgħażlu sabiex jinholq kalendarju.



3.2.2. Proġetti nazzjonali ta' tqajjim tal-għarfien

Hemm benefiċċji ċari f'li wieħed jorganizza attivitajiet ta' tqajjim ta' għarfien. Skont id-Direttivi dwar l-Ugwaljanza tas-sena 2000, l-Istati Membri tal-UE għandhom ukoll obbligu legali li jagħmlu dan. Il-Kummissjoni Ewropea l-ewwel appoġġjat sensiela ta' proġetti b'hal dawn fl-2004 permezz tal-Programm ta' Azzjoni Komunitarju għall-Ġlieda kontra d-Diskriminazzjoni. Minn dakinhar 'l hawn, l-appoġġ tal-Kummissjoni kien element regolari u l-għadd ta' proġetti appoġġjati kiber sew.

Fuq bażi annwali, il-Kummissjoni titlob lill-gvernijiet nazzjonali jissottomettu proposti ta' proġetti. Imbagħad, il-Kummissjoni tanalizza u tevalwa kull proposta sabiex tiżgura li l-attività jkollha valur miżjud ċar, tkun koerenti u tappoġġja l-implimentazzjoni ta' politiki u leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ugwaljanza.



Il-Kummissjoni appoġġjat żewġ sensiliet ta' proġetti nazzjonali ta' tqajjim ta' għarfien li organizzaw attivitajiet fl-2007-08. L-ewwel sett, magħżul fil-ħarifa tal-2006, kien magħmul minn 23 proġett minn 22 pajjiż differenti tal-Ewropa. Dawn kienu jikkoinċidu ma' – u appoġġjaw – is-Sena Ewropea tal-Opportunitajiet Indaq. Il-Kummissjoni pprovdiet baġit totali ta' 4.5 miljun Euro u appoġġjat sa 80% tal-ispejjeż tal-proġetti. Sensiela oħra ta' 35 proġett fi 23 pajjiż ġiet approvata f'Settembru 2007, u seħħet matul l-2008.

3.2.3. Għażla ta' ġrajjet importanti

Kampanji ta' għarfien Ġermaniżi u Awstrijaċi kienu fost dawk li b'mod partikolari kellhom liż-żgħażaġh fil-mira tagħhom. Il-kampanja tal-Ġermanja gābet medjaturi tar-Roma u tas-Sinti fl-iskejjel. Iż-żgħażaġh kellhom iċ-ċans li joħolqu l-materjal awdjo-viżwali tagħhom stess, li mbagħad ġie esebit. Il-workshop Awstrijak ġibed grupp imħallat ta' żgħażaġh li ħolqu spots għar-radju li wara xxandru fuq ir-radju nazzjonali taż-żgħażaġh.

Il-kampanja tal-Finlandja kienet immirata fost oħrajn lejn is-settur pubbliku, b'attivitajiet u pubblikazzjonijiet indirizzati lejn il-forza tal-pulizija, is-settur tal-kura tas-saħħa, is-servizzi soċjali u l-militar.

Il-Latvja kienet fost pajjiżi oħrajn li ffukaw fuq il-midja. 'Il-Latvja Ugwali fid-Diversità II (LED)' kienet kampanja wiesgħa u komprensiva li kienet tkopri r-raġunijiet kollha għad-diskriminazzjoni li mhumiex permessi u li laħqet udjenza f'mira wiesgħa. Saru korsijiet dwar kwistjonijiet ta' ugwaljanza għall-istudenti tal-ġurnaliżmu u professjonisti tal-midja prattikanti, fost oħrajn.

Id-Danimarka u l-Irlanda wasslu messaġġ ta' diversità fuq il-post tax-xogħol. L-Istitut Daniż għad-Drittijiet tal-Bniedem organizza sensiela ta' seminars b'rappreżentanti minn organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tal-impjegati, intrapriżi żgħar u medji u organizzazzjonijiet mhux governattivi. L-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq - bl-appoġġ ta' organizzazzjonijiet ta' min iħaddem - ingħaqdu flimkien sabiex jorganizzaw 'Ġimgħa Anti-razzista fuq il-Post tax-Xogħol', li issa sar avveniment annwali stabbilit. Il-proġett żviluppa u ppubblika riżorsi għal min iħaddem, inklużi linjigwida dwar l-istabbiliment ta' politika tal-impjieg ugwali jew dwar l-introduzzjoni ta' miżuri ta' azzjoni pożittiva.

3.2.4. Il-konferenza ta' Belfast dwar il-Komunikazzjoni

Il-konferenza tematika annwali Ewropea dwar il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni saret f'Belfast fil-5-6 ta' Ġunju 2008. Il-konferenza, organizzata mill-Kummissjoni Ewropea, kienet iddedikata għas-suġġett tal-komunikazzjoni

u t-tqajjim tal-għarfien fil-qasam tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u tal-ugwaljanza.

L-avveniment ġabar flimkien rappreżentanti ta' proġetti nazzjonali ta' tqajjim ta' għarfien li kienu qegħdin isiru dak iż-żmien u proġetti ta' suċċess mis-Sena Ewropea 2007 tal-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd, kif ukoll partijiet interessati rilevanti. Dan ippermetta lill-promoturi tal-proġett sabiex jiltaqgħu u jaqsmu l-esperjenza u l-ideat tagħhom ma' udjenza usa' u li jirċievu informazzjoni dwar żviluppi kontinwi fil-politiki tal-UE dwar l-Ugwaljanza.

Il-konferenza kienet opportunità għal diskussjoni dwar liema hu l-aħjar mod ta' kif jiġu promossi l-messaġġi tal-ugwaljanza u d-diversità lil diversi partijiet interessati, permezz ta' mezzi differenti. Offriet ukoll sessjonijiet ta' taħriġ dwar għadd ta' temi ta' komunikazzjoni.

Ġiet prodotta pubblikazzjoni, 'Nikkomunikaw l-ugwaljanza u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea', assoċjata mal-avveniment.

3.2.5. *Opportunitajiet indaqs għal kulħadd: X'għandu jkun ir-rwol tal-azzjoni pożittiva?*

Il-konferenza dwar l-"Opportunitajiet indaqs għal kulħadd: X'għandu jkun ir-rwol tal-azzjoni pożittiva?", organizzata mill-Kummissjoni Ewropea f'kollaborazzjoni mad-Dipartiment Taljan għad-Drittijiet u l-Opportunitajiet Indaqs, saret fit-23-24 ta' April 2007, f'Ruma. Il-Kummissjoni Ewropea organizzat l-avveniment b'kooperazzjoni mad-Dipartiment Taljan għad-Drittijiet u l-Opportunitajiet Indaqs sabiex tiffaċilita l-iskambju ta' esperjenzi dwar azzjoni pożittiva fil-kuntest tad-Direttivi tal-UE dwar l-Ugwaljanza. Għalkemm id-Direttivi jippermettu, aktar milli jitolbu, azzjoni pożittiva, ħafna mill-120 parteċipant ħassew li hemm bżonn ta' miżuri bħal dawn fid-dawl tan-nuqqas ta' ugwaljanza fis-soċjetà. Tħassib ewlieni kien in-nuqqas ta' dejta u indikaturi statistiċi fil-qasam tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni.

3.3. Nifhmu d-diskriminazzjoni: l-istħarriġiet tal-Ewrobarometru

Test litmus kruċjali – f'termini ta' opinjonijiet suġġettivi u esperjenzi individwali ta' diskriminazzjoni reali - jinsab fl-attitudnijiet u l-opinjonijiet tal-pubbliku Ewropew. Fl-2007-08 ġew ippubblikati żewġ stħarriġiet tal-Ewrobarometru dwar l-attitudnijiet lejn id-diskriminazzjoni. L-ewwel wieħed, ippubblikat f'Jannar 2007, kien ikkummissjonat sabiex jaħbat mat-tnedija tas-Sena Ewropea tal-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd (paġna 24), filwaqt li t-tieni Ewrobarometru Flash fi Frar 2008 sar bħala appoġġ għall-adozzjoni tal-abbozz tad-Direttiva.

Fl-ewwel stħarriġ tal-Ewrobarometru, id-diskriminazzjoni kienet meqjusa bħala komuni, skont proporzjon kbir ta' nies Ewropej. B'mod partikolari, aktar minn nofs iċ-ċittadini li saritilhom il-mistoqsija qiesu li d-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' oriġini etnika, diżabilità, u orjentazzjoni sesswali hija mifruxa ħafna. 79% ta' dawk li wiegħbu qiesu li huwa ta' żvantaġġ fis-soċjetà li wieħed ikollu diżabilità, 79% ħassew li dan kien japplika wkoll għar-Roma u 69% qiesu li huwa ta' żvantaġġ li wieħed ikollu aktar minn 50 sena.

L-Ewropej kienu maqsuma dwar jekk hux qed isir biżżejjed fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. Madwar 51% ta' dawk li wiegħbu kienu tal-opinjoni li mhux qed isir biżżejjed sforz f'pajjiżhom biex tingħeleb id-diskriminazzjoni, filwaqt li 45% kellhom opinjoni opposta.

Bħala medja, l-għarfien dwar l-eżistenza ta' liġijiet kontra d-diskriminazzjoni kien irregiſtrat bħala pjuttost baxx fl-Unjoni Ewropea. Id-diżabilità kienet l-uniku tip ta' diskriminazzjoni magħrufa ma' aktar min-nofs il-pubbliku Ewropew bħala li mhix permessa mil-liġi meta wieħed jirrekluta impjegati ġodda (51%). Il-pubbliku kien l-inqas konxju mil-leġiżlazzjoni li tipprojbixxi diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' orjentazzjoni sesswali (30%) u età (31%). Medja ta' terz biss taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea ddikjaraw li jafu d-drittijiet tagħhom f'każ li jkunu vittmi ta' diskriminazzjoni jew fastidju (32%).



Ir-rapport ta' segwitu tal-Ewrobarometru, ippubblikat f'Lulju 2008, irregiſtra riżultati simili. Id-diskriminazzjoni minħabba r-razza jew l-oriġini etnika ta' persuna kienet għadha titqies bħala l-aktar forma mifruxa ta' diskriminazzjoni. Madankollu, b'mod ġenerali tqies li d-diskriminazzjoni qiegħda tonqos, u li saret inqas mifruxa minn ħames snin ilu 'l hawn. Id-diżabilità b'mod partikolari, tqieset bħala inqas probabbli li tista' tfixkel il-prospetti ta' mpjieg milli kienu wrew stħarriġiet preċedenti. Madankollu, in-nuqqas ta' għarfien tad-drittijiet legali kompli. Ħafna mill-Ewropej appoġġjaw il-fatt li tittieħed azzjoni: bejn 65% u 83% kienu favur ta' miżuri kontra d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, dejjem skont ir-raġuni għaliha.

3.4. Il-każ kummerċjali favur id-diversità

Il-kumpaniji kbar u żgħar jiffaċċjaw sfidi komuni għan-negozji tagħhom: il-globalizzazzjoni, il-bidla demografika u klima dejjem aktar kompetittiva. Mill-aħħar tal-2008, it-tnaqqis ekonomiku globali u l-kriżi finanzjarja koplew iżidu d-diffikultajiet iffaċċjati minn min iħaddem.

Minħabba dawn l-isfidi, il-mexxejja tal-kumpaniji ftit jistgħu jifilħu jillimitaw il-firxa ta' talent disponibbli għalihom billi jiddiskriminaw. Minbarra n-nuqqas ta' diskriminazzjoni, il-benefiċċji ta' politiki ta' diversità ta' ħsieb pożittiv qegħdin isiru aktar rikonoxxuti minn min iħaddem u mill-ħaddiema tagħhom.

3.4.1. Il-Kummissjoni Ewropea tistudja l-benefiċċji ewlenin

Studju appoġġjat mill-Kummissjoni, ippubblikat f'Diċembru 2008, ta segwitu għal proġett ta' riċerka li kien sar fl-2005. Dan sab li l-benefiċċju l-aktar imsemmi minn dawk li jħaddmu b'politiki ta' diversità, huwa l-kapaċità oġġla li wieħed jirrekluta u jżomm l-impjegati bl-akbar talent. L-effetti fuq il-produttività wkoll kienu meqjusin pożittivi.

L-innovazzjoni, li tagħti l-ħajja lil kull kumpanija li tixtieq tibqa' pass 'il quddiem, issemmiet bħala inċentiv ieħor. Forzi ta' ħidma bi kwalitajiet differenti x'aktarx ikollhom ideat u approċċi differenti li jwasslu għal progress tekniku jew prodott jew servizz ta' suċċess. Fi kliem ħaff, forza tax-xogħol bi kwalitajiet differenti tirrifletti u sservi bl-aħjar mod il-bażi tas-soċjetà u tal-klijentela li kumpanija topera fiha.

Inkomplu l-vjaġġ tad-diversità – Prattiċi kummerċjali, perspettivi u benefiċċji

Aktar minn 1,500 kumpanija ġew mistħarrġa għal dan l-istudju, li jkompli l-ħidma li saret fir-rapport tal-2005 dwar 'Il-każ kummerċjali favur id-diversità'. Dan l-istudju ħares f'aktar dettall lejn il-motivazzjonijiet u l-ostakoli possibbli għall-politiki tad-diversità u lejn li wieħed ikollu forza tax-xogħol bi kwalitajiet differenti. Is-sejbiet jenfasizzaw rabta qawwija bejn li wieħed ikollu forza tax-xogħol bi kwalitajiet differenti u l-kapaċità tal-kumpanija li toħloq u tagħmel innovazzjonijiet. Intervisti ma' SMEs taw informazzjoni siewja, minħabba li negozji żgħar u ta' daqs medju jirrappreżentaw 75% tan-nies kollha impjegati fl-Ewropa. Il-ħin u r-riżorsi huma problema għall-SMEs, iżda d-diversità – u l-benefiċċji tagħha – huma rilevanti għallhom daqs kemm huma rilevanti għal kumpaniji u korporazzjonijiet akbar. Huwa essenzjali għalhekk li jkunu promossi l-għodod u l-appoġġ diġà disponibbli. L-istudju jħares ukoll lejn kif it-taħriġ fid-diversità jista' jkollu rwol fl-iskejjel tal-kummerċ, li jipproduċu l-mexxejja kummerċjali tal-ġejjieni kif ukoll lejn kif inizjattivi volontarji li ttieħdu min-negozji bħall-Karti dwar id-Diversità jistgħu jkunu ta' suċċess.

3.4.2. Negozji iżgħar

Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), li huma definiti bħala li għandhom inqas minn 250 impjegat, jirrappreżentaw 75% tal-impjegati kollha fl-Ewropa. Għalkemm dawn jistgħu ma jkollhomx il-ħin u r-riżorsi ta' kumpaniji u korporazzjonijiet akbar, huma wkoll għandhom ħafna x'jieħdu mill-implimentazzjoni ta' politiki qawwija ta' ugwaljanza.

L-ifformalizzar ta' politiki ta' diversità nstab li jżid il-possibbiltà li wieħed jattira u jżomm persunal ta' kwalità, skont manijers li għamlu dan il-pass. Il-politiki ta' diversità jistgħu jgħinu fl-aċċess ta' swieq ġodda u segmenti ta' klijenti. Fil-każ tal-SMEs, huwa speċjalment importanti li l-manijers u s-sidien jagħmlu użu aħjar minn pariri u tagħrif disponibbli.

3.4.3. Karti dwar id-Diversità

Politiki formali dwar id-diversità qegħdin isiru aktar komuni f'bosta kumpaniji Ewropej, l-aktar f'intrapriżi u korporazzjonijiet kbar. Madankollu, il-karti dwar id-Diversità, għadhom relattivament fenomenu ġdid u lokalizzat. Fl-2008, il-Karti dwar id-Diversità kienu jeżistu biss fil-Ġermanja, fi Franza u fir-reġjun ta' Brussell fil-Belġju.

Għalkemm hemm differenzi bejn dawn id-dokumenti - Brussell għandha kapitoli separati għal kumpaniji pubbliċi u dawk privati, pereżempju - huma jaqsmu l-istess prinċipji. Id-dokumenti jipprovdu rikonoxximent formali tal-impenn ta' kumpanija fi kwistjonijiet li jirrigwardaw l-ugwaljanza.

Mhux il-kumpaniji kollha deskritti fid-dokumenti dwar id-Diversità jaraw il-ħtieġa li jikkonformaw. Iżda ħafna minnhom li jagħmlu l-pass jikkonsidraw li jintbagħat messaġġ pożittiv lill-persunal fi ħdan il-kumpanija, minbarra li l-kumpanija għandha x'tirbaħ fejn tidħol ir-reputazzjoni tagħha. Fuq kollox dan il-pass jaġixxi bħala katalista sabiex jittieħdu aktar passi biex il-ġestjoni tad-diversità ssir parti mill-ġestjoni ġenerali u l-istrateġija tan-negozju.

Continuing the Diversity Journey

BUSINESS PRACTICES, PERSPECTIVES AND BENEFITS



Konklużjoni - Annessi

Konklużjoni

Is-snin 2007-08 kienu bla dubju ta' xejn essenzjali għat-tisfih tal-isforzi kontra d-diskriminazzjoni u favur id-diversità. Is-Sena Ewropea tal-Opportunitajiet Indaqgħal Kulħadd, il-programm il-ġdid PROGRESS, kooperazzjoni eqreb bejn l-atturi u l-isforzi akbar sabiex jitqajjem għarfien kienu kollha elementi fundamentali.

Madankollu, dawk kollha involuti fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni mhumiex qed jilludu ruħhom rigward il-ħidma li għad trid tiġi. Għalkemm hemm ipplanata leġislazzjoni Ewropea usa', għad fadal inkonsistenzi fil-protezzjoni offruta bħalissa mil-liġijiet dwar l-ugwaljanza fil-livell nazzjonalni. Ħafna nies għadhom mhumiex konxji tad-drittijiet tagħhom, li hija kundizzjoni essenzjali sabiex wieħed ikun jista' jiddefendihom.

Qafas ta' politika aktar b'saħħtu u qafas legali usa' huma prinċipalment għodod sabiex wieħed jasal għal mira, aktar milli riżultati fihom infushom. Il-prova reali tax-xogħol bażiku ulterjuri li sar fl-2007-08 sejra tkun f'kemm żmien – u sa liema punt – dan jgħin biex iwassal għal ugwaljanza aħjar fil-prattika.

Għandna niksbu soċjetà aktar ugwali f'kuntest ekonomiku u soċjali li kull ma jmur qiegħed isir aktar ta' sfida. L-effett tal-kriżi finanzjarja sejjer jibqa' jinħass għal ftit żmien mhux ħażin. F'dan il-kuntest huwa essenzjali li kwistjonijiet li xi kultant ikunu identifikati bħala li jirrigwardaw lill-"minoranzi" jiġu rikonoxxuti bħala li huma intrinsikament rilevanti għal kull persuna fl-UE. L-Ewropa għandha tħaddan il-ħiliet u d-diversità tan-nies kollha tagħha sabiex tfassal triq li toħroġha mid-diffikultajiet ekonomiċi u soċjali preżenti.



It-tur bi Trakk 2008

Annessi:

Anness I - Pubblikazzjonijiet ewlenin 2007-08

Il-Kummissjoni Ewropea pproduċiet għadd ta' dokumenti politiki, studji u opuskuġi relatati mal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fl-2007-08. Għażla ta' studji ewlenin u pubblikazzjonijiet oħrajn huma msemmija hawn isfel f'ordni kronoloġika.⁹

Il-manwal Ewropew ta' dejta dwar l-ugwaljanza (European handbook on quality data)

Frar 2007

Id-dejta u l-ġbir tagħha huma kwistjonijiet sensitivi. L-għan ta' dan il-manwal huwa li jinkoraġġixxi dibattitu pubbliku informat kif ukoll li joħloq titjib fil-ġbir ta' dejta dwar l-ugwaljanza, li tgħin fil-fehim aħjar tad-diskriminazzjoni u fil-monitoraġġ tal-progress li jkun sar.

Inpoġġu l-ugwaljanza fil-prattika: x'għandu jkun ir-rwol tal-azzjoni pożittiva? (Putting Equality into Practice: what role for positive action?)

Marzu 2007

Dan l-opuskuġi tematiku, disponibbli f'20 lingwa, jippreżenta introduzzjoni għat-terminoloġija tal-ugwaljanza u l-aspetti legali, kif ukoll għadd ta' opinjonijiet ta' azzjoni pożittiva f'kuntesti tal-impjeg u f'dawk li mhumiex tal-impjeg.

Nindirizzaw il-problema tad-diskriminazzjoni multipla: Prattiċi, politiki u liġijiet (Tackling multiple discrimination: Practices, policies and laws)

Settembru 2007

Dan ir-rapport jidentifika l-effetti tad-diskriminazzjoni fuq bażijiet multipli, jipprova analiżi ta' kif jindirizzawha atturi differenti, jenfasizza l-prattika tajba u jagħmel rakkomandazzjonijiet.

Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-promozzjoni tal-ugwaljanza: Kif inkejlu l-progress li sar (The fight against discrimination and the promotion of equality: How to measure progress done)

Marzu 2008

Din il-pubblikazzjoni tistabbilixxi qafas għall-kejl tal-ugwaljanza fl-Ewropa, tevalwa l-progress u toffri rakkomandazzjonijiet fil-livell Ewropew u dak nazzjonali.

Nikkomunikaw in-nuqqas ta' diskriminazzjoni u l-ugwaljanza (Communicating non-discrimination and equality)

Mejju 2008

Din il-pubblikazzjoni, marbuta mal-konferenza ta' Belfast tal-5-6 ta' Ġunju 2008, tenfasizza l-azzjoni tal-UE dwar

it-tqajjim tal-għarfien u tiddekrivi 35 proġett nazzjonali ffinanzjati permezz tal-programm PROGRESS tal-Kummissjoni.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta' diskriminazzjoni u l-opportunitajiet indaqs: impenn imġedded (Commission Communication on non-discrimination and equal opportunities: a reviewed commitment)

Lulju 2008

Din il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni, tiddekrivi oqsma speċifiċi għal aktar azzjoni u l-estensjoni tal-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni.

Id-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni dwar l-istrumenti u l-politiki tal-UE għall-inklużjoni (Commission working paper on EU instruments and policies for Roma inclusion)

tar-Roma

Lulju 2008

Dan ir-rapport, prodott qabel l-ewwel summit dwar ir-Roma f'Settembru 2008, iddekriva l-għodod għat-titjib tal-inklużjoni tar-Roma fis-soċjetà.

Inkomplu l-Vjaġġ tad-Diversità: Prattici kummerċjali, perspettivi u benefiċċji (Continuing the Diversity Journey: Business practices, perspectives and benefits)

Ottubru 2008

Dan l-istudju, segwitu ta' 'Il-każ kummerċjali favur id-diversità' tal-2005, jeżamina l-benefiċċji u l-ostakoli għall-politiki dwar id-diversità u forzi tax-xogħol aktar differenti.

Pubblikazzjonijiet min-netwerk tal-esperti legali fil-qasam tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni

Diskriminazzjoni min-ħabba Reliġjon u Twemmin fl-Impjeg - il-liġi tal-UE (Religion and Belief Discrimination in Employment the EU law)

Jannar 2007

F'dan ir-rapport insibu ħarsa ġenerali lejn id-dispożizzjonijiet legali kontra d-diskriminazzjoni abbażi tar-reliġjon u t-twemmin. Jeżamina wkoll l-approċċ ta' implimentazzjoni li ħadu l-Istati Membri.

Katalisti tal-bidla? Korpi tal-Ugwaljanza skont id-Direttiva 2000/43/KE (Catalysts for change? Equality Bodies according to Directive 2000/43/EC)

Jannar 2007

Dan l-istudju tematiku jeżamina l-forma, l-indipendenza u l-effikaċja tal-korpi tal-ugwaljanza.

⁹ Għal lista sħiħa, żur : <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=423&langId=mt&furtherPublish=yes>

Inkejlu d-Diskriminazzjoni - Il-Ġbir tad-Dejta u l-Liġi tal-UE dwar l-Ugwaljanza (Measuring Discrimination – Data Collection and EU Equality Law)

Jannar 2007

F'dan ir-rapport, esperti legali jidentifikaw kif dejta statistika u dejta oħra jistgħu jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-liġi dwar it-trattament ugwali u jħarsu lejn ir-regolamenti tal-UE dwar tali ġbir ta' dejta.

Lil hinn minn Ugwaljanza Formali: Azzjoni Pożittiva taħt id-Direttivi 2000/43/KE u 2000/78/KE (Beyond Formal Equality: Positive Action under Directives 2000/43/EC and 2000/78/EC)

Ġunju 2007

Dan l-istudju jiffoka fuq miżuri ta' azzjoni pożittiva, kif ipprovdut fid-Direttivi tal-UE tas-sena 2000 dwar l-Ugwaljanza.

Is-Segregazzjoni tat-Tfal Roma fl-Edukazzjoni (Segregation of Roma Children in Education)

Lulju 2008

Rapport dwar kif id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali tista' tintuża sabiex tiġi indirizzata l-marġinalizzazzjoni strutturali ta' tfal Roma fl-edukazzjoni.

Pubblikazzjonijiet minn Esperti dwar l-Inklużjoni ta' Persuni b'Diżabilità

Irgiel u Nisa b'Diżabilità fl-UE: Analizi Statistika tal-modulu ad hoc LFS u l-UE-SILC (Men and Women with Disabilities in the EU: Statistical Analysis of the LFS ad hoc module and the EU-SILC)

April 2007

Dan l-istudju kwantitattiv iħares lejn dawk li għandhom problemi permanenti ta' saħħa jew diżabilità (LSHPD) u

jiffoka fuq sa fejn tasal l-abbiltà tagħhom li jipparteċipaw fl-impjieg u li jkollhom aċċess għall-edukazzjoni, kif ukoll fuq id-dħul u l-livelli ta' pagi tagħhom.

Id-De-istituzzjonalizzazzjoni u l-ħajja fil-komunità-riżultati u spejjeż (Deinstitutionalisation and community living – outcomes and costs)

Novembru 2007

Dan il-proġett kellu l-għan li jiġbor informazzjoni dwar persuni b'diżabilità li jgħixu f'istituzzjonijiet residenzjali fi 28 pajjiż Ewropew, u li jidentifika strateġiji ta' suċċess għas-sostituzzjoni ta' istituzzjonijiet b'servizzi bbażati fil-komunità.

Studju dwar ir-riskji speċifiċi ta' diskriminazzjoni kontra persuni f'sitwazzjoni ta' dipendenza magġuri jew bi ħtiġijiet kumplessi (Study on the specific risks of discrimination against persons in situation of major dependence or with complex needs)

Lulju 2008

Din l-analiżi komparattiva turi li persuni b'diżabilità gravji ħafna u/jew bi ħtiġijiet kumplessi u l-familji tagħhom qegħdin f'riskju għoli li jbatu minn diskriminazzjoni fl-aspetti kollha ta' ħajjithom.

Nipprovdur akkomodazzjoni xierqa u raġonevoli għal persuni b'diżabilità fuq il-post tax-xogħol fl-UE (Providing reasonable accommodation for persons with disabilities in the workplace in the EU)

Novembru 2008

L-oġġettivi ewlenin ta' dan l-istudju kienu li ssir analiżi tal-prattiċi ta' provvedimenti ta' akkomodazzjoni raġonevoli u xierqa għal persuni b'diżabilità fuq il-post tax-xogħol.

Anness II : Kompetenzi tal-korpi nazzjonali tal-ugwaljanza ¹⁰

L-Awstrija	L-Ombud Awstrijak għat-Trattament Ugwali	Jeżistu Ombuds separati għal 'appartenenza etnika', reliġjon/twemmin, età u orjentazzjoni sesswali fuq il-post tax-xogħol u diskriminazzjoni ta' 'appartenenza etnika' barra l-qasam tal-impjeg.
Il-Belġju	Ċentru għall-Opportunitajiet Indaq u għall-Oppożizzjoni tar-Razziżmu	lċ-Ċentru jista' jibda proċeduri legali. F'dawn l-aħħar snin il-mandat tiegħu twessa' għall-migrazzjoni, it-traffik tal-bnedmin, il-faqar u d-diskriminazzjoni mhux razzjali.
Il-Bulgarija	Kummissjoni għall-Protezzjoni Kontra d-Diskriminazzjoni	Il-Kummissjoni tista' timponi sanzjonijiet u tibda proċeduri legali għal każijiet li jinqalgħu mill-monitoraġġ u l-istħarriġ tagħha stess. L-affiljazzjoni politika, l-istatus tal-familja u tal-proprjetà huma fost raġunijiet oħra ta' diskriminazzjoni koperti.
Ċipru	Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Amministrazzjoni	Filwaqt li jkopri l-bażijiet kollha tad-Direttivi dwar l-Ugwaljanza, il-Kummissarju jista' jwettaq sħarriġ u rapporti, jagħti pariri u joħroġ rakkomandazzjonijiet, iżda ma jistax iressaq ilmenti quddiem il-qorti jew jintervjeni b'mod ġudizzjarju.
Id-Danimarka	L-Istitut Daniż għad-Drittijiet tal-Bniedem (DIHR)	Il-Kumitat tal-Ilmenti tad-DIHR għandu s-setgħa li jindirizza diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' razza u etniċità biss iżda l-istitut jindirizza wkoll raġunijiet oħrajn fl-istudji, fl-istħarriġiet u l-opinjoni jiet tiegħu.
L-Estonja	Uffiċċju tal-Kanċillier tal-Ġustizzja	Is-setgħat tal-Uffiċċju huma limitati għat-tweqqi ta' sħarriġiet u għall-ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet. Hemm ukoll korp separat għall-ugwaljanza bejn is-sessi.
Il-Finlandja	Ombudsman għall-Minoranzi; Tribunal Nazzjonali tad-Diskriminazzjoni.	Il-ġurisdizzjoni tal-Ombudsman tkopri diskriminazzjoni etnika u ma tkoprix diskriminazzjoni bbażata fuq il-lingwa, l-orjentazzjoni sesswali, l-ideoloġija jew id-diżabbiltà, li huma immaniġġjati minn awtoritajiet oħrajn.
Franza	Awtorità Għolja għall-Ġlieda kontra d-Diskriminazzjoni u għall-Ugwaljanza (HALDE)	Il-ġurisdizzjoni ta' HALDE tkopri l-bażijiet kollha ta' diskriminazzjoni fil-liġi Franċiża li (minbarra r-raġunijiet ta' sess u l-ħames raġunijiet tad-Direttivi dwar l-Ugwaljanza) jinkludu: l-opinjoni politika, l-istatus ċivili, is-sħubija ma' trejdnunjin, sħubija reali jew preżunta ma' grupp, id-dehra fiżika, il-kundizzjoni tas-saħħa u t-tqala.
Il-Ġermanja	Awtorità Federali ta' Kontra d-Diskriminazzjoni	L-awtorità federali tkopri r-raġunijiet kollha koperti mil-leġiżlazzjoni tal-UE. Ma tistax tintervjeni b'mod ġuridiku iżda tista' tipprovdi pariri u tgħin fil-kisba ta' soluzzjonijiet barra l-qorti.

¹⁰ Is-sitwazzjoni kif inhi minn April 2009, meta l-Polonja u r-Repubblika Ċeka ma kellhomx korpi tal-ugwaljanza sħaħ. Għad-dettalji ta' kuntatt, ara www.equineteurope.org.

Il-Greċja	L-Ombudsman Grieg; Kumitat għat-Trattament Ugwali; L-ispettorat tax-xogħol	L-Ombudsman huwa inkarigat milli jiproteġi d-drittijiet taċ-ċittadini, jiġġieled l-amministrazzjoni ħażina u jiżgura r-rispett tal-liġi. Għandu wkoll responsabbiltà speċjali għad-drittijiet tat-tfal.
L-Ungerija	L-Awtorità tat-Trattament Ugwali; Il-Kummissarju Parlamentari għad-Drittijiet Nazzjonali u Etniċi tal-Minoranzi	L-Awtorità tat-Trattament Ugwali tkopri għadd ta' raġunijiet ta' diskriminazzjoni lil hinn mil-leġiżlazzjoni tal-UE inklużi l-lingwa, l-affiljazzjoni politika, is-saħħa jew l-istatus finanzjarju. Il-Kummissarju tal-Minoranzi jkopri diskriminazzjoni nazzjonali kif ukoll etnika.
L-Irlanda	Awtorità Irlandiża tal-Ugwaljanza; Tribunal tal-Ugwaljanza	Minbarra li tindirizza l-ilmenti, l-Awtorità tal-Ugwaljanza taħdem sabiex tippromwovi opportunitajiet indaqs. Is-sħubija mal-komunità tal-vjaġġaturi hija fost ir-raġunijiet ta' diskriminazzjoni speċifiċi li din tindirizza.
L-Italja	Uffiċċju Taljan Kontra d-Diskriminazzjoni Razzjali (UNAR)	L-UNAR ikopri raġunijiet ta' diskriminazzjoni ta' razza/oriġini etnika u reliġjon. Ma jistax jagħmel kawża f'isem persuni diskriminati, iżda jista' jgħin lil vittmi fi proċeduri ġudizzjarji u amministrattivi.
Il-Latvja	Uffiċċju Nazzjonali Latvjan tad-Drittijiet tal-Bniedem	L-uffiċċju tad-drittijiet tal-bniedem jaħdem sabiex isolvi argumenti u jiffaċilita negozjati fuq firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem. Jista' jiftaħ proċeduri fi qrati ċivili u amministrattivi.
Il-Litwanja	Ombudsman għall-Opportunitajiet Indaqs	Il-lingwa u l-istatus soċjali huma indirizzati mill-ombudsman, kif ukoll raġunijiet ta' diskriminazzjoni koperti mil-leġiżlazzjoni tal-UE.
Il-Lussemburgu	Ċentru għat-Trattament Ugwali	lċ-Ċentru jwettaq ir-rwoli tal-korpi ta' ugwaljanza li jippubblikaw rapporti u rakkomandazzjonijiet u li jappoġġjaw lill-vittmi. Huwa jkopri raġunijiet ta' diskriminazzjoni ta' età, sess, orjentazzjoni sesswali, reliġjon/twemmin u razza/oriġini.
Malta	Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza; Kummissjoni Nazzjonali għal Persuni b'Diżabilità; Ombudsman	Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza tindirizza diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess u r-razza/oriġini etnika fis-setturi kollha. Hemm ukoll Kummissjoni għal Persuni b'Diżabilità.
L-Olanda	Kummissjoni għat-Trattament Ugwali (CGB)	Il-mandat tas-CGB huwa li tipprovdi protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni sabiex tippromwovi parteċipazzjoni ugwali fil-ħajja u/jew fis-soċjetà. Minbarra s-sitt raġunijiet koperti mil-leġiżlazzjoni tal-UE, tindirizza wkoll id-diskriminazzjoni dwar l-istatus ċivili, it-twemmin politiku u aspetti tal-impjieg bħax-xogħol full jew part time.

Il-Portugall	Kummissjoni Portugiża għall-Immigrazzjoni u d-Dialogu Interkulturali (AĊIDI); Kummissjoni għall-Ugwaljanza taċ-Ċittadinanza u s-Sessi (CIG)	L-AĊIDI tindirizza t-trattament mhux ugwali fir-rigward ta' appartenenza razzjali, kultur, nazzjonalità u oriġini etnika. Is-CIG tindirizza diskriminazzjoni minħabba s-sess u l-orjentazzjoni sesswali, u dan l-aħħar ukoll ir-raġunijiet l-oħrajn tal-Artikolu 13 tat-Trattat tal-KE.
Ir-Rumanija	Kunsill Nazzjonali għall-Ġlieda kontra d-Diskriminazzjoni (CNCD)	Is-CNCD jindirizza r-raġunijiet kollha tal-Artikolu 13 u firxa wiesgħa ta' persuni oħrajn f'riskju ta' trattament mhux ġust inklużi refuġjati, tfal abbandunati u persuni b'rekord kriminali,
Is-Slovakkja	Ċentru Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem	Iċ-ċentru, li għandu identità legali indipendenti, ikopri l-bażijiet kollha fid-Direttivi tal-UE dwar l-Ugwaljanza. Għandu wkoll rwol usa' għad-drittijiet tal-bniedem u għad-drittijiet tat-tfal.
Is-Slovenja	Uffiċċju għall-Opportunitajiet Indaq; Avukat tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza	Jeżamina każijiet ta' diskriminazzjoni, joħroġ opinjonijiet u rakkomandazzjonijiet, iżda mhuwiex f'pożizzjoni legali li jressaq każijiet quddiem il-qrati jew li jintervjeni fi proċeduri ġudizzjarji.
Spanja	Kunsill għall-Promozzjoni tat-Trattament Ugwali u n-Nuqqas ta' Diskriminazzjoni fuq il-Bażi ta' Razza jew Oriġini Etnika; Kunsill Nazzjonali għad-Diżabilità	Il-Kunsill huwa responsabbli mill-promozzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' razza jew oriġini etnika fuq il-post tax-xogħol u barra l-post tax-xogħol.
L-Iżvezja	L-Ombudsman għall-Ugwaljanza	L-Ombudsman għall-Ugwaljanza, li qabel kien tliet uffiċċji separati, jfittex konformità mal-leġiżlazzjoni Żvediża rigward is-sess, l-identità jew l-espressjoni transesswali, l-etniċità, ir-reliġjon jew twemmin ieħor, diżabilità, orjentazzjoni sesswali u età.
Ir-Renju Unit	Kummissjoni għall-Ugwaljanza u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EHRC); Kummissjoni għall-Ugwaljanza għall-Irlanda ta' Fuq	L-EHRC għandha d-dmir li tippromwovi u tinkoraġġixxi rispett għall-ugwaljanza tal-opportunità. Hija tkopri r-raġunijiet kollha fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ugwaljanza u għandha s-saħħa li tiegħu azzjoni ta' infurzar u toħroġ deċiżjonijiet li jorbtu.

Il-Kummissjoni Ewropea

Azzjoni tal-UE kontra d-diskriminazzjoni - Rapport tal-Attività 2007-2008

Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej

2009 — 37 pp. — 21 x 29,7 cm

ISBN 978-92-79-12454-9

doi:10.2767/15389

Il-rapport "Azzjoni tal-UE kontra d-diskriminazzjoni" jippreżenta l-attivitajiet li saru mill-Kummissjoni Ewropea fl-2007-08 sabiex tiġġieled id-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' razza jew orġini etnika, reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali fir-rigward tal-impjegi u x-xogħol.

Huwa jiddeskrivi l-aspetti tal-politika u ta' sħubija, is-sitwazzjoni attwali fil-leġiżlazzjoni u l-implimentazzjoni tagħha fuq livell nazzjonali inkluż xi ġurisprudenza u d-diversi attivitajiet li saru sabiex tixxandar l-ugwaljanza.

Din il-publikazzjoni hi disponibbli f'format stampat bil-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż u f'format elettroniku fil-lingwi uffiċjali l-oħra kollha tal-UE.

Kif tista' takkwista l-pubblikazzjonijiet tal-UE

Pubblikazzjonijiet għall-bejgħ:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- mill-ħanut tal-kotba tiegħek billi tikkwota t-titlu, il-pubblikatur u/jew in-numru tal-ISBN;
- billi tikkuntattja wieħed mill-aġenti tagħna direttament inkarigat mill-bejgħ.
Tista' takkwista d-dettalji ta' kuntatt tagħhom permezz tal-link <http://bookshop.europa.eu>, jew billi tibgħat faks fin-numru +352 2929-42758.

Pubblikazzjonijiet mingħajr ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- mir-rappreżentanzi tal-Kummissjoni Ewropea jew mid-delegazzjonijiet. Tista' takkwista d-dettalji ta' kuntatt tagħhom permezz tal-link <http://ec.europa.eu/> jew billi tibgħat faks fin-numru +352 2929-42758.

Jinteressaw **il-pubblikazzjonijiet** tad-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarjiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaq?

Jekk iva, tista' tniżżilhom mill-Internet jew tabbona għalihom bla ħlas minn
<http://ec.europa.eu/social/publications>

Nistednuk ukoll li tinkiteb sabiex tibda tirċievi n-newsletter elettronika *Social Europe* tal-Kummissjoni Ewropea bla ħlas fuq
<http://ec.europa.eu/social/e-newsletter>

Websajts utli:

<http://ec.europa.eu/social>

<http://ec.europa.eu/antidiscrimination>

<http://www.stop-discrimination.info>



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

